# Konferenza Nazzjonali dwar id-**Direttiva tal- Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea** li tistabbilixxi Qafas Ġenerali għal Trattament Ugwali fl-**Impieg**

(Direttiva tal-Kunsill 2000/78/EC)

Il-Ġimgħa, 10 ta' Diċembru 2004
**Jum Internazzjonali għad-Drittijiet Umani**
Lukanda Coastline, Salina, Malta

Konferenza Nazzjonali dwar
id-Direttiva tal- Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea
li tistabbilixxi Qafas Ġenerali
għal Trattament Ugwali fl-Impieg

Pubblikazzjoni
Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità
www.knpd.org

Din il-Publikazzjoni saret permezz ta' fondi mill-Community
Programme to Combat Discrimination ta' l-Unjoni Ewropea

Dan id-dokument ġie ppublikat bil-Malti, bl-Ingliż u fuq audio bil-Malti. Jinsab ukoll fuq il-website tal-Kummissjoni: www.knpd.org

This document is also published in Maltese, English and on Audio in Maltese. It is also featured on the Commission's website: www.knpd.org

# Werrej

Messaġġ mis-Sur Joseph M. Camilleri 03
*Ċermen Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità*

Messaġġ minn Fr Pierre G. Margeurat 05
*Direttur, Servizzi tal-Ġiżwiti mar-Rifuġjati - Malta*

Messaġġ mill-Onor Marie Louise Coleiro 07
*Kelliema ta' l-Oppożizzjoni għall-Familja u Solidarjetà Soċjali*

Diskors Prinċipali mis-Sinj. Elizabeth Straw 10
*Uffiċjal fit-Taqsima dwar is-Diżabilità fid-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqs fil-Kummissjoni Ewropea*

Dr Noel Vella 17
*Konsulent, Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali*

Is-Sur Jesmond Bonello 20
*Segretarju Taqsima Entitajiet Pubbliċi, Union Ħaddiema Magħqudin*

Is-Sur Felix Borg 22
*Deputat CEO, Korporazzjoni tal-Impjieg u t-Taħriġ*

Dr Paul Debattista 26
*President, Malta Employers Association*

Is-Sur Tony Zarb 28
*Segretarju Ġenerali, General Workers Union*

Is-Sur Edwin Callejja 30
*Direttur Ġenerali, Federazzjoni ta' l-Industrija*

Is-Sur Tesfamichael Beraki Mekonnen 33

Is-Sinj. Carol Galea 35

Is-Sinj. Doria Grixti 41

Is-Sinjura Marianne Debono 42
*Esperjenzi minn persuni differenti*

Diskussjoni 45

Diskors tal-Għeluq 50
*mis-Sur Charles Mizzi, Segretarju Permanenti, Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Impjieg u Żgħażagħ*

Ċermen
Kummissjoni Nazzjonali
Persuni b'Diżabilità

# Messaġġ mis-**Sur Joseph M. Camilleri**

Illum qed nieħu pjaċir għax wasalna fl-aħħar ta' l-attivitajiet tal-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità, li kienet ġimgħa impenjattiva ħafna li matulha kollha kemm aħna nejjew ħafna.

**W**asalna fl-aħħar attivitajiet ta' din il-ġimgħa u qed nieħu pjaċir li llum qed nipparteċipaw f'Konferenza Nazzjonali dwar id-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-ugwaljanza fl-impjiegi. Intom tafu li s-slogan magħżul minna u s-Servizzi tal-Ġiżwiti mar-Rifuġjati Malta huwa *Saħħa fid-Diversità*.

Sfortunatament id-diversità mhix dejjem hija lok ta' saħħa; ħafna drabi d-diversita tagħti lok għal diverġenzi, frammentazzjoni u għad-dgħjufija. Għaliex? Għaliex ninqatgħu fi gruppi b'għanijiet differenti, il-leħen tagħna jiddgħajjef u nispiċċaw ma nwasslux fuq l-aġenda nazzjonali dawk l-issues li jittrattaw il-qasam tagħna. Irridu nitgħallmu li s-saħħa fid-diversita tiġi billi nagħmlu kompromessi u alleanzi strateġiċi flimkien; Allura llum qiegħed nieħu pjaċir nara rappreżentanti ta' gruppi ta' minoranza miġburin flimkien għax nemmen li ħafna mid-diskriminazzjoni li aħna niffaċċjaw fis-soċjetajiet differenti tagħna huma komuni u żgur li waħda mid-diskriminazzjonijiet li aħna bħala minoranza niffaċċjaw ta' kuljum hija fejn għandhom x'jaqsmu l-impjiegi.

Nafu illi l-impjieg flimkien ma' l-edukazzjoni huma żewġ kolonni li fuqhom aħna nibnu l-ħajja tagħna kemm bħala tfal u anki bħala adulti u meta nitkellmu fuq il-bżonn li jkollna ħajja ta' kwalità tajba, is-sisien tagħha hija l-edukazzjoni li tgħinna nassimilaw il-potenzjal personali tagħna kif ukoll opportunitajiet ta' impjieg, li jiena nsejjaħlu impjieg siewi, għar-raġuni li jkun kemm ta' profitt għall-pajjiż, kemm ta' profitt għal min jimpjegana, u profitt għalina nfusna.

Ħafna drabi fil-qasam tad-diżabilità, l-impjieg jarawh bħala karità, bħala għajnuna soċjali biex joħorġok mid-dar u bħala pocket money. Dawn il-ħsibijiet paternalistiċi mhumiex neċessarjament ħżiena però kienu tajbin għal soċjetà differenti. Illum naħseb wasalna f'sitwazzjoni fejn iż-żgħażagħ b'diżabilità jridu l-istess bħal ma jridu fil-ħajja persuni li

m'għandhomx diżabilità. U jekk qed noħolmu li jkollna ħajja adulta indipendenti dan il-ħsieb irid ikun ibbażat fuq impjieg li jkun adattat fuq l-abiltajiet tagħna u illi jkollna s-sapport li neħtiegu ħalli aħna nkunu nistgħu nikkontribwixxu bl-aktar mod reali u jkun impjieg li lilna jagħtina opportunitajiet indaqs.

U meta qegħdin ngħidu dan infissru equal pay for equal work, li hu slogan li ħarġu bih in-nisa fis-sebgħinijiet u li x-xogħol jiggarantixxi opportunitajiet ta' taħriġ bħal ma jkollu kulħadd; jiena naf persuni b'diżabilità, impjegati ma' kumpanija li jaraw lil sħabhom jattendu kors wara kors u huma jibqgħu jħarsu; ikollna opportunitajiet għal promotions, għax dan huwa importanti wkoll, kif ukoll huwa importanti li ngħixu l-ħajja tax-xogħol tagħna mingħajr il-biża' ta' xi bullying, mingħajr il-biża' ta' xi diskriminazzjoni minħabba d-differenzi li għandna. Aħna nafu li fejn dawn l-ingredjenti nkunu kapaċi nġibuhom tajbin il-ħajja tal-persuni b'diżabilità individwali togħla bil-kbir.

Meta dan jiġri, anki l-ħajja tal-familja togħla wkoll; meta ngawdu aħna tgawdi l-familja tagħna għax ikun hemm nuqqas ta' stress fuq il-grupp kollu. Meta aħna nitkellmu fuq Direttiva li tesiżi ugwaljanza fl-impjieg, għalina mhix xi ħaġa extra; mhix xi ħaġa li nistgħu ngħaddu mingħajrha; din għandha tkun xi ħaġa essenzjali ħafna li biha nkunu nistgħu nassimilaw dak il-potenzjal li hemm fina. Jiena, kemm bħala persuna b'diżabilità u kemm bħala Cermen tal-KNPD, nawgura li din il-konferenza tkun suċċess u li lkoll flimkien bħala minoranzi naħdmu ħalli din id-Direttiva nżommuha fuq l-aġenda nazzjonali u noqogħdu attenti li tiġi implimentata mill-pajjiż sħiħ.

Nirringrazzjakom.

Direttur, Servizzi tal-Ġiżwiti
mar-Rifuġjati - Malta

# Messaġġ minn **Fr Pierre G. Margeurat**

Ftit tas-snin ilu kien hemm konferenza dinjija rigward ir-razzismu u d-diskriminazzjoni relatati mar-razza. Meta saret din il-konferenza ħareġ biċ-ċar li grupp ta' nies li huma milquta minn din il-problema huma r-refuġjati, nies li huma emigranti fil-pajjiż.

Dan il-fenomenu matul dawn l-aħħar sentejn, tlieta aħna qed naraw li qiegħed jikber anki fostna u jkun żball kbir jekk ma nindunawx li nies ta' kulur ieħor qegħdin ikunu diskriminati minħabba l-kulur, jew minħabba l-kultura, jew minħabba l-etnija li jkunu ġejjin minnha.

Ftit ilu bħal ma rajtu bħalna fuq il-gazzetta, sirna nafu b'każ li dehrilna li kellna nxandruh; każ li fih kellna żewġ persuni Somali li ħadmu għal ġimagħtejn u meta għat-tielet darba marru biex jitħallsu, min ħaddimhom mhux talli ma ħallashomx talli ħareġ għalihom b'imqass li bih jaqtgħu x-xibka tal-bini u fajjarlu daqqa ġo rasu u qasamlu rasu. Dawn huma affarijiet li fostna ma nistgħux nittollerawhom.

Illum fil-Jum Dinji tad-Drittijiet tal-Bniedem għandna naraw li din id-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea tiġi mwettqa u naħdmu bis-sħiħ ma' l-istakeholders kollha tal-pajjiż ħalli dan l-għan jirnexxi. Dan jista' jfisser li jkollna bżonn tibdiliet fil-liġijiet ta' pajjiżna; l-ewwelnett meta għaddiet il-liġi tar-refuġjati fis-sena 2000, aħna tlabna lill-Gvern li r-refuġjat għandu jkollu d-dritt tax-xogħol fil-liġi, però dan sal-ġurnata ta llum, għadu ma jeżistix. Hija biss diskrezzjoni tal-Ministru li jiġu mogħtija permess tax-xogħol. Jiena naħseb li dawn in-nies m'aħniex inqisuhom ugwali daqsna. Jiena naħseb li meta qed jingħataw id-dritt tax-xogħol bil-barka tal-Ministru hija differenti minn dak li tgħid il-liġi. Jiena lill-Ministru għedtlu li meta ħa jkun hemm Ministru differenti jew ikun hemm sitwazzjoni ta' pressjoni, bħal per eżempju l-qgħad, dawn ma jingħatawx id-dritt li għandhom jingħataw għax huma l-ewwel nies li nħarsu lejhom u ngħidulhom li qed jiħdulna xogħolna Għalkemm ħafna drabi dan mhux il-każ, però huwa kliem li qed jintqal u allura għandna nassiguraw li dawn il-persuni jkollhom l-istess drittijiet bħal kull wieħed u waħda minna.

It-tieni problema li qed niffaċċjaw hija li ħafna persuni għandhom dak li jissejjaħ statut umanitarju, li huwa statut li tipprovdi l-liġi tar-refuġjati, iżda dan l-Istatut bniedem jista' jkollu mhux work permit izda permit to work, jiġifieri li jrid isib employer li jkun irid iħaddmu u dan irid jitlob permess biex dan ir-refuġjat ikun jista' jaħdem. Dan ifisser li dik il-persuna li tkun ħa tħaddem persuna li huwa emigrant legalment, għax kull min għandu statut umanitarju jista' jgħix f'pajjiżna legalment u għalhekk għandu jkollu d-drittijiet bħal kulħadd, joffri kundizzjonijiet miżeri ħdejn dawk li huma offruti ħaddiema Maltin. Joffri rati ta' ħlas baxxi ħafna, mingħajr ma  jħallas in-National Insurance. B'sitwazzjonijiet bħal dawn qed nagħtu lok li ma nobdux dak li tgħid il-liġi ta' pajjiżna kif ukoll qed nagħtu lok għal sfruttament; jiena ta' sikwit niltaqa' ma' każi ta' sfuttament sfrenat. B'dan il-mod qed naslu f'punt fejn qed naċċettaw li jitherrew id-drittijiet ta' dawn il-persuni però mhux inqas minn hekk qed nħallu li jitherrew id-drittijiet ta' kull wieħed u waħda minna.

Jiena ħa nagħlaq hawn; fuq id-desk tiegħi kelli poster li wrieni x'jiġifieri titkellem għad-drittijiet tiegħek. L-ewwel nett dan ifisser li l-ewwel għandek titkellem għad-drittijiet ta' l-oħrajn; forsi ġieli qrajtu dik il-kitba ta' wieħed protestant li sabuha f'kamp tan-nażisti matul it-tieni gwerra dinjija li kienet tgħid, "Meta ġew għall-komunisti, jien ma kontx komunista u ma tkellmitx. Meta ġew għall-Kattoliċi, jien ma tkellimtx għax ma kontx Kattoliku. Meta ġew għal-Lhud jien ma tkellimtx għax ma kontx Lhudi. Meta ġew għal tat-trade unions, ma tkellimtx għax ma kontx membru. Meta ġew għalija ma kien hemm ħadd min jitkellem għalija." Jekk aħna ma nitkellmux u ma nsemmgħux leħinna biex niddefendu d-drittijiet ta' dawn in-nies qegħdin nherru d-drittijiet tagħna stess.

Grazzi.

Kelliema ta'
l-Oppożizzjoni
għall-Familja u
Solidarjetà Soċjali

# Messaġġ mill-**Onor Marie Louise Coleiro**

Nagħtikom merħba u nagħti merħba lil ħbieb tagħna barranin li qegħdin magħna llum u ninsab ċerta li qed ikollkom interpretazzjoni mill-aqwa u għalhekk ħa nagħti l-kontribut tiegħi bil-lingwa Maltija.

**Q**ed niddiskutu Direttiva li hi importanti ħafna; importanti mhux għaż-żewg oqsma li llum qed nimbuttaw quddiem nett, imma għas-soċjetà kollha; wara kollox it-tema magħżula *Saħħa fid-Diversità* tirrifletti s-soċjeta kollha kemm hi. Is-soċjeta hi magħmula minn minoranzi kollha flimkien għaliex min illum jista' jgħid li llum huwa differenti minn ħaddieħor jew inkella li jappartjeni lil grupp li hu akbar minn ħaddieħor? Min jgħid hekk għalija jkun prużuntuż. Jiena aktar ħa niffoka fuq il-qasam tad-diżabilità peress li hemm ħafna aktar informazzjoni available kif ukoll aktar social statistics dwar il-persuni b'diżabilità. Definittivament nikkondividi dak kollu li qal Fr Pierre fir-rigward ta' l-immigranti u fir-rigward tar-refuġjati.

Sfortunatament f'dan il-pajjiż konna naħsbu li għandna xi sens ta' tollerenza aktar minn ħaddiehor imma meta niġu għas-si u n-no qed nindunaw li qed iqumu ċerti fermenti li qamu barra minn xtutna li qed nsibuhom f'pajjiżna. Minbarra l-każ sfortunat li semma' Fr Pierre, jiena naf każi li ma ssemmew imkien. Dawn huma każi ta' nies li qed jiġu abbużati fuq il-post tax-xogħol, trattati ħażin ħafna, pero mhux id-dinjita ta' dawn il-persuni qed tkun abbużata però qed nimminaw d-dinjità tagħna l-Maltin ukoll. Jiena naf b'każijiet fejn refuġjati ħadmu għal 90ċ fis-siegħa fix-xogħol tal-kostruzzjoni, bil-perikli kollha, mingħajr is-safety kit, kif titlob il-liġi tas-saħħa u sigurtà, u peress li kien hemm din l-aċċettazzjoni, ġew effettwati l-kundizzjonijiet tal-Maltin.

Is-sur Joe Camilleri tkellem l-aktar fuq il-harassment fuq il-post tax-xogħol. Bħal ma għandu x'jaqsam fil-każ tar-refuġjati, il-harassment fuq il-post tax-xogħol għandu x'jaqsam fejn jidħlu n-nisa u l-omosesswali. Imma l-harassment fuq il-post tax-xogħol huwa fenomenu li llum fl-Ewropa qed ikun diskuss bħala 'Work Place Mobbing'. Tkellimt fuqu riċentament fil-Parlament għax inħoss li għandna nagħtuh importanza

qawwija. Jekk verament irridu li nimplimentaw u ninfurzaw dak li tgħid il-liġi hemm bżonn nindirizzaw bis-serjetà l-problema tad-diskriminazzjoni. Hija diffiċli biex tipprova d-diskriminazzjoni però din id-Direttiva hija intensiva biżżejjed biex tipprova min għandu jġorr 'the burden of proof' fejn tidħol id-diskriminazzjoni. Però jibqa' l-fatt li xorta diffiċli biex tipprova ħaġa bħal din; u huwa għalhekk li seminars bħal dawn huma importanti ħafna fejn irridu ngħaqqdu l-forzi tagħna flimkien ħalli niġġieldu dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet.

Xtaqt nagħmel referenza għall-Pjan Nazzjonali dwar il-faqar u l-inklużjoni soċjali. Fuq paġna 8 text bil-Malti, insibu l-ewwel paragrafu, fejn hemm Approwċ Strateġiku, għanijiet prinċipali u miri fundamentali u għandna deskrizzjoni f'dan il-paragrafu li xtaqt naqra silta minnha; wara li jidentifika ċerti gruppi li faċilment jaqaw fir-riskju tal-faqar, jgħid hekk: "Apparti minn dawk qiegħda, jiġifieri dawk bla xogħol, il-gruppi li l-aktar huma f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali fis-soċjetà Maltija nsibu lill-persuni b'diżabilità partikolarment dawk bla edukazzjoni u bla ħiliet bażiċi."

U fl-aħħar isemmi l-kwistjoni ta' l-emigranti. Definittivament il-kwistjoni tax-xogħol hija marbuta mal-kwistjoni ta' l-edukazzjoni, kif ukoll għal aċċess għal opportunitajiet għax-xogħol hija wkoll marbuta ma' l-edukazzjoni.

Fil-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità kellna riċerka magħmula mill-NSO li fil-fehma tiegħi kienet importanti ħafna, li minna se nikkwota wkoll; minn din ir-riċerka wkoll hemm rabta bejn ix-xogħol u l-edukazzjoni. F'Ottubru, 2004, kellna madwar 315 persuni b'diżabilità jirreġistraw f'Part 1 tar-Reġistru tal-Qgħad. Minn dawn 78% kienu rġiel, u madwar 22% kienu nisa. In-numru ta' kontributorji benefiċarji li jirċievu pensjoni ta' l-invalidità fis-sena 2003, kien 16,739. In-numru żdied b'5,050 mis-sena 1999, kif ukoll fis-sena 2003, 2,848 mhux kontributorji rċevew il-benefiċċji relatati mad-diżabilità. Filwaqt li għandna stampa ċara ta' 315-il persuna jirreġistraw għax-xogħol, min-naħa l-oħra għandna l-istampa l-oħra, li fil-fehma tiegħi torbot mal-kwistjoni tas-saħħa u s-sigurtà għax ħafna mill-aspetti ta' pensjonijiet ta' l-invalidità huma relatati mal-inċidenti fuq il-post tax-xogħol milli mal-kwistjoni tad-diżabilità.

Però mbagħad għandna paragrafu li fil-fehma tiegħi huwa importanti ħafna, fejn jitkellem dwar l-edukazzjoni; u dan jgħid hekk: "Il-persuni b'diżabilità għandhom żewġ għażliet fl-edukazzjoni; huma jistgħu jagħżlu li jipparteċipaw fi programmi tal-edukazzjoni speċjali fl-iskejjel speċjali, jew jagħżlu edukazzjoni inklużiva fi skejjel regolari tal-Istat jew dawk privati. Fl-2003, kien hemm 247 persuna b'diżabilità jattendu l-iskejjel speċjali, filwaqt li 1,232 kienu integrati f'kindergartens u skejjel primarji u sekondarji regolari fl-istess sena. Dan juri biċ-ċar il-preferenza li hemm lejn l-edukazzjoni inklużiva. Fl-24.8% tal-persuni b'diżabilità kollha li kienu fis-sistema edukattiva, kienu qegħdin fi skejjel speċjali. Ta' min wieħed jinnota li din il-figura niżlet għal 16.7% fl-2003.

Din fil-fehma tiegħi hija figura inkoraġġanti ħafna. Il-fatt li aħna għandna din il-qabża qawwija f'dawn is-snin li għaddew bejn dawk it-tfal u żgħażagħ li qed imorru fl-iSpecial Schools għal Inclusive Education, jiena nemmen li għandha tagħtina kuraġġ għal quddiem biex inkunu nistgħu nassiguraw li persuni b'diżabilità jkollhom opportunitajiet aħjar għax ikunu mħarrġa u jkollhom il-ħiliet bażiċi biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol.

Bħala konklużjoni xtaqt ngħid li din il-ġimgħa kellna aktar indikaturi; din il-ġimgħa, parti mill-programm li kellkom kien hemm dik ir-riċerka ma' l-NSO, li hija aktar iddettaljata, fejn għandhom x'jaqsmu x-xogħol u l-edukazzjoni. Però minkejja li qed nagħmlu din il-qabża, qabża fil-kwalità, ħaġa li tidher mill-istess statistika, fejn għandna aktar persuni b'diżabilità mħarrġa, u aktar qegħdin jitħarrġu, ħaġa li qed toħloq aktar aċċessibilità u opportunitajiet għalihom, xorta waħda qed naraw li l-persuni b'diżabilità qegħdin jidħlu f'ċertu jobs partikolari, u mhux f'jobs li fihom ikunu jistgħu juru l-kapaċitajiet, l-abiltajiet u l-ħiliet kollha tagħhom. Dan ġej mill-fatt, fil-fehma tiegħi, minn nuqqas ta' awareness.

Kif għandna nuqqas fejn jidħlu l-emigranti illegali u r-refuġjati, jiena nħoss li għandna nuqqas ta' awareness fejn jidħlu l-kapaċitajiet tal-persuni b'diżabilità fuq il-post tax-xogħol. Kultant jiena ngħid li din tiġi mill-persuna billi jkollha nuqqas ta' skills, kif ukoll xi kultant ikun hemm over protection mill-ġenituri, u qed ngħid dan aktar minn hands on milli minn xi ħaġa xjentifika jew li ġiet ippruvata.

Però dan ġej ukoll mill-employers, u proprju hawnhekk xtaqt nagħmel appell lill-employers: huwa importanti ħafna u rridu naħdmu aktar ħalli l-employers jifhmu; l-employers ġew megħjuna, anki mill-ETC, minn skemi li bihom jiġu inkoraġġiti jimpjegaw persuni b'diżabilità, però dawn l-iskemi, mhux għax ma kinux hemm, imma għax l-employers m'għamlux użu biżżejjed minnhom; u jiena ngħid li fuq naħa hemm l-għajnuna, u hemm l-għajnuna mhux biss bi skemi prattiċi imma hemm l-għajnuna mill-aspett legali għax hemm il-liġi, dik li b'mod popolari ngħidulha l-liġi tat-2%, hemm bżonn li ma' l-iskemi li tagħmel l-ETC u mal-liġi li diġà teżisti, nagħmlu sforz, flimkien ma' programm ta' awareness, nagħmlu sforz ħalli persuni b'diżabilità jiġu integrati fuq il-postijiet tax-xogħol. Ix-xogħol qed isir però jekk ikollna ċertu impetus biex nimbuttaw 'il quddiem dawn is-sitwazzjonijiet naħseb hemmhekk verament ikollna biex niftaħru li s-saħħa tiġi mid-diversità.

Grazzi.

Uffiċjal fit-Taqsima dwar id-Diżabilità fid-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqs fil-Kummissjoni Ewropea

# Diskors Prinċipali mis-Sinj. **Elizabeth Straw**

Huwa pjair tiegħi li għandi l-opportunità li nindirizza din il-konferenza li qed titratta d-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropeja dwar d-Diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol u ta' dan jiena nirringrazzjakom.

Jisimni Elizabeth Straw u nokkupa l-kariga ta' membru fid-Direttorat Ġenerali tax-Xogħol, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqs tal-Kummissjoni Ewropea.

Xtaqt nibda billi nagħti stampa ġenerali tad-Direttorat, nispjega xi kunċetti legali warajh, u nsemmi wkoll kif l-Istati Membri qed jittrasferixxu d-Direttiva fil-liġijiet nazzjonali.

Lura fl-1997, meta bħala stati membri kien hemm 15, dawn unanimament iddeċidew li iżidu artiklu ġdid fit-trattat ta' Amsterdam bl-għan li jeskludu d-diskriminazzjoni madwar l-Ewropa. L-artiklu l-ġdid 13 ta saħħa lill-Kunsill li jaddotta miżuri biex jikkombatti fuq il-bażi ta' sess, razza, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali. Wara li t-trattat t' Amsterdam daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 1999, il-Kummissjoni ressqet pakkett ta' proposti ħalli jiġi implimentat artiklu 13 - strateġija maqsuma fi tlieta bil-għan li tikkumbatti d-diskriminazzjoni. Dawn kienu:

- Programm ta' Azzjoni Komunitarja bejn 2001-2006
- Direttiva fuq id-diskriminazzjoni bbażata fuq r-razza u oriġini etnika (Direttiva 2000/43/EC); u,
- Direttiva li tkopri d-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon jew twemmin; diżabilità; età jew orjentazzjoni sesswali, fil-qafas tax-xogħol (Direttiva 2000/78/EC).

Huwa fuq din l-aħħar Direttiva li jiena ħa nikkonċentra llum b'referenza partikulari fuq il-bżonnijiet tad-diżabilità.

**Diskriminazzjoni**

Id-Direttorat ma jippermettix diskriminazzjoni fuq il-bażi li semmejt qabel. Tistabilixxi rekwiżiti minimi - bil-għan li l-Istati Membri jipprovdu protezzjoni akbar minn hekk, dejjem jekk ikunu jridu huma. X'irridu nfissru b'diskriminazzjoni fil-liġi Ewropea? Id-Direttiva għandha definizzjoni speċifika u komuni li tinkludi:

- Diskriminazzjoni diretta

- Diskriminazzjoni indiretta
- Harassment
- Istruzzjonijiet biex tiddiskrimina

Dan kollu huwa bbażat fuq il-liġi Komunitarja ġa eżistenti fuq diskriminazzjoni sesswali u nazzjonali. Huwa importanti li ninnotaw li d-diskriminazzjoni m'għandhiex għalfejn tkun intenzjonata biex tikser il-ligi. Id-definizzjoni t'diskriminazzjoni indiretta hija ispirata minn każ ta' ħaddiema barranin quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Mhuwiex neċessarjament il-każ li numru sinjifikanti ta' individwi jkunu żvantaġġati b'regoli newtrali. Jekk xi proviżjoni jew prattika newtrali tpoġġi anki persuna waħda minn dawk il-gruppi protetti fi żvantaġġ meta mqabbel ma' persuni oħrajn, dik hija kkunsidrata bħala diskriminazzjoni sakemm mhix iġġustifikata (xi ħaġa li ħa niġu għaliha aktar tard).

Min huwa protett kontra d-diskriminazzjoni? Id-Direttiva tappella għal dawk il-persuni fl-Unjoni Ewropea, kemm jekk huma ta' nazzjonalità ta' xi stat membru jew le, u kemm dawk l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, kemm fis-settur pubbliku u anki fil-privat. Għaldaqstant l-iskop huwa wiesgħa ħafna.

F'liema oqsma d-diskriminazzjoni hija pprojbita? Id-Direttiva tkopri l-impjieg, taħriġ vokazzjonali, kundizzjonijiet ta' xogħol u ħlas, u sħubija ta' organizzazzjonijiet ta' ħaddiema jew ta' min iħaddem. Fil-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja d-definizzjoni ta' taħriġ vokazzjonali hija wiesgħa ħafna u tkopri kważi kważi l-edukazzjoni terzjarja, universitajiet, kulleġġi tekniċi, kif ukoll ħafna tipi ta' taħrig tradizzjonali bħal apprendIstati. Dan jixhed il-fatt li l-iskop huwa wiesgħa, u x'uħud mill-Istati Membri kellhom jintroduċu protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni ma' persuna b'diżabilità fuq il-post tax-xogħol, xi ħaġa li qabel kienet ineżistenti.

Taħt id-Direttiva tax-xogħol, akkomodazzjoni raġunata għandha tkun ipprovduta lil persuni b'diżabilità. Dan il-provediment, min-naħa ta' min iħaddem, b'miżuri li jippermettu lil persuna b'diżabilità li jaħdem b'manjiera ugwali possibbli daqs kull persuna kapaċi. Tista' tkun xi ħaġa semplici bħal ngħidu aħna tibdil fil-ħinijiet tax-xogħol, xi ħaġa li tiffaċilita l-mod ta' vjaġġar tal-persuna, rampa li tippermetti aċċess fiżiku għal bini jew inkella affarijiet aktar ikkumplikati bħal ngħidu aħna xi apparat speċjalizzat li għandu x'jaqsam mal-kompjuter. Min iħaddem m'għandux jipprovdi xi ħaġa li tista' tħalli effett proporzjonat fuq in-negozju. L-għan maħsub għal provediment ta' akkomodazzjoni huwa li jagħti trattament ugwali lil persuna b'diżabilità fuq il-post tax-xogħol. Dan juri li hemm tibdil mill-ħsieb li persuni b'diżabilità jkunu kkonsidrati bħala persuni fil-bżonn ta' protezzjoni, xi ħaġa li tiggarantixxi drittijiet ugwali daqs kull min m'għandux diżabilità. Jekk taħsbu li l-maġġoranza ta' l-impjiegi ma jistgħux jimtlew minn persuni b'diżabilità, żommu f'moħħkom li s-Segretarju ta' l-Istat għall-Affarijiet Interni tar-Renju Unit kien persuna b'nuqqas ta' dawl mit-twelid. Jew li l-Professur Stephen Hawking għandu diżabilità severa li tista' timponilu li ma jkunx wieħed mill-aktar xjentisti magħrufa mad-dinja.

**Eċċezzjonijiet**

Meta nħarsu lejn min hu protett mid-diskriminazzjoni, u taħt liema ċirkustanzi, jista' dan ifisser li kull differenza fit-trattament tmur kontra l-liġi? Le, id-Direttiva għandha numru ta' eċċezzjonijiet:

- Ġustifikazzjoni ta' diskriminazzjoni indiretta. Differenza fit-trattament ikkawżat minn proviżjoni jew prattika newtrali ma tiksirx l-liġi jekk dik ir-regola jew prattika hija ġustifikata b'għan leġittimu u l-miżuri li hemm bżonn isiru biex jintlaħaq dan l-għan ikunu ġustifikati u neċessarji.
- Jekk differenza fit-trattament hija bbażata fuq karatteristiċi li jikkostitwixxu "ħtieġa relatata max-xogħol li tkun ġenwina u determinanti", id-differenza fit-trattament ma tiksirx il-liġi sakemm l-għan ikun leġittimu u r-rekwiżit ikun proporzjonat. Eżempju ċar huwa li biex tkun persuna fid-dipartiment tat-tifi tan-nar trid tkun 100% fiżikament kapaċi.
- Dak kollu li jirrikjedi biex ikollna akkomodazzjoni xierqa biex persuna b'diżabilità ikun jista' jaħdem ma tapplikax jekk twassal biex ikun hemm problema mhux proporzjonata fuq min iħaddem. Madanakollu, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu sussidju fuq l-ispejjeż ta' akkomodazzjoni xierqa.
- Artiklu 2 tad-Direttiva tax-Xogħol jipprovdi li hija mingħajr preġudizzju li nikkalkulaw li npoġġu fil-liġi nazzjonali għal ħarsien pubbliku u raġunijiet ta' sigurtà, għal protezzjoni tas-saħħa u l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertà tà l-oħrajn.

Kellhom jgħaddu mill-inqas 20 sena biex il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja twaqqaf dak li jista' jikkostitwixxi f'ġustifikazzjoni oġġettiva fuq il-bażi ta' diskriminazzjoni sesswali. Jiena nispera li ma ndumux dan iż-żmien biex ikollna xi ħaġa simili fuq id-diżabilità, però huwa ċar ħafna li l-limiti għal dawn l-eċċezzjonijiet għad iridu jitwaqqfu. Madanakollu rridu nżommu f'moħħna li d-dritt li ma jkunx hemm diskriminazzjoni huwa dritt fundamentali taħt il-liġi Komunitarja, u għaldaqstant, eċċezzjonijiet għandhom ikunu interpretati b'mod dejjaq.

**Drittijiet Infurzati**

X'jista' persuna tagħmel jekk taħseb li ġiet iddiskriminat? L-Istati Membri huma mitluba li jipprovdu informazzjoni fuq id-drittijiet li d-Direttiva tipprovdi. Kif ukoll, id-Direttiva tirrikjedi lil Istati Membri jiżguraw li organizzazzjonijiet li għandhom interess li ma jagħmlux diskriminazzjoni jistgħu jgħinu individwu biex jiftaħ kawża, jew saħansitra jiftaħ kawża f'isimhom. Dan jinkludi pressure groups, Għaqdiet Mhux Governattivi, unions tal-ħaddiema, jew equality bodies bħal l-Ombudsmen.

Jekk każ jiġi deċiż qabel ma jiddaħħal il-Qorti, id-Direttiva tipprovdi għal qsim bil-piż tal-prova. Jekk l-allegat vittma jistabilixxi fatti li minnhom l-Qorti tista' tassumi li kien hemm diskriminazzjoni, allura tkun tirrigwardja lil min iħaddem, ħalli dan jipprova li mhux veru wettaq atti ta' diskriminazzjoni kontra dik il-persuna. Din hija miżura importanti peress li tista' tkun diffiċli ħafna biex tipprova li verament kien hemm diskriminazzjoni. Skond id-Direttiva,

ix-shift tal-provi ma japplikax għal proċeduri kriminali, kif ukoll li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawhiex fi proċeduri fejn il-Qorti jew entità kompetenti trid tinvestiga l-fatti tal-każ konċernat. Dan ifisser li f'xi wħud mill-Istati Membri, fejn il-provedimenti dwar l-anti diskriminazzjoni qegħdin fil-maġġoranza tagħhom fil-Kodiċi Penali, jew fejn ikun hemm proċeduri investigattivi, jidher li ħa jkun hemm ftit li xejn applikazzjoni tal-bidla tal-piż tal-prova. Ċertament li dan ħa jagħmilha ferm aktar diffiċli għall-vittmi tad-diskriminazzjoni li jinfurzaw id-drittitjiet tagħhom. Punt ieħor li ta' min jieħu nota tiegħu huwa li l-Għaqdiet Mhux Governattivi jistgħu, minflok jirreferu l-każ tagħhom fil-Qorti Nazzjonali, taħt Artiklu 234 tat-Trattat tal-Kummissjoni Ewropea, jirreferu każ quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja jekk il-Qorti Nazzjonali jkollha xi dubju dwar interpretazzjoni ta' provediment tad-Direttiva. Dan huwa punt importanti għax s'issa aħna għad m'għandniex sentenzi li jgħinuna kif ninterpretaw id-Direttivi ta' l-anti-diskriminazzjoni.

Id-Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri jħarsu lil persuni minn vittimizzazzjoni. Dan ifisser li meta persuna tagħmel ilment formali ta' diskriminazzjoni, jew għandha x'taqsam ma' lment simili, huma ma jistgħux isofru minn konsegwenzi mhux favorevoli, bħal tiġi mkeċċija mill-post tax-xogħol. Id-Direttiva tħalli f'idejn l-Istati Membri li jwaqqfu r-regoli nazzjonali dwar sanzjonijiet applikabbli għal ksur tal-prinċipji ta' non-diskriminazzjoni. Madanakollu, is-sanzjonijiet iridu jkunu "effettivi, proporzjonati u li jiskoraġġixxu". Dawn it-termini mhumiex spjegati, u s'issa għad m'hemmx gwida mingħand il-Qrati tal-Ġustizzja li jirrigwardaw diskriminazzjoni fil-qasam tad-diżabilità.

La darba Direttiva ssir liġi nazzjonali, persuna għandha tieħu l-każ tagħha quddiem l-istess liġi nazzjonali qabel ma tmur quddiem xi Qorti nazzjonali jew tribunal.

Jekk id-Direttiva ma ssirx liġi, jew issir mhux korrettament, kif jista' individwu jinfurza d-drittjiet tiegħu? Huwa jkun jista' jwieġeb fuq il-prinċipju ta' l-effett dirett, hekk kif żviluppa permezz tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea. Jekk provediment tad-Direttiva hija ċara, preċiża, u mhux ikkondizzjonata, individwu jista' jibbaża direttament fuqha, milli fuq l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni nazzjonali, qabel il-Qorti Nazzjonali. Provediment ta' Direttiva għandha effett dirett biss skond kif jirrigwarda l-Istat jew l-Għaqdiet Pubbliċi - ma tistax tkun ibbażata kontra min iħaddem fis-settur privat, biex nieħdu eżempju. Fl-aħħar mill-aħħar il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja trid li tiddeċiedi liema provedimenti, jekk ikun hemm, jista' jkollhom effett dirett, u ċertament li huwa kmieni wisq biex tagħmel ġudizzji ta' din ix-xorta. Madanakollu, jekk wieħed jagħti ħarsa lejn il-preċedenti li ġew imfassla mill-Qorti Ewropea fuq il-bażi tad-Direttivi ta' diskriminazzjoni sesswali, wieħed jistenna li ammont mhux ħażin ta' provedimenti mid-Direttiva ta' l-impjieg ħa jkollhom effett dirett.

It-tieni azzjoni li persuna tista' tieħu hija dik kontra l-Istat Membru nnifsu, prinċipju li jaqa' taħt il-prinċipju tar-responsabiltà ta' l-

Istat, hekk kif imwaqqaf mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Jekk mil-Liġi Komunitarja hemm provediment li tagħti identifikazzjoni individwali ċara tad-drittijiet, u l-persuna tkun sofriet minn inġustizzja minħabba nuqqas mill-Istat Membru biex jimplimenta dik il-provediment, allura l-kumpens jista' jitħallas mill-Istat sakemm in-nuqqas fil-Liġi Komunitarja, min-naħa ta' l-Istat, ikun biżżejjed serju. U l-Qorti assumiet li n-nuqqas fl-implimentazzjoni ta' Direttiva jista' jwassal għal nuqqas serju. Jiena ma nafx każijiet ta' nuqqas minn xi Stati Membri, ħaġa li hija xi ftit sorprendenti għall-fatt li hemm ammont konsiderevoli tagħhom li għadhom ma lestewx il-proċess fejn id-Direttivi jsiru liġijiet tal-pajjiż.

It-tielet possibilità hija dik li jekk hemm xi liġijiet nazzjonali li ġew imfassla skond id-Direttiva, allura l-Imħallef tal-pajjiż irid jinterpreta dik il-liġi nazzjonali fil-qafas tad-Direttiva, bil-għan li jintlaħaq l-għan tad-Direttiva.

S'issa aħna għad m'għandniex xi ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea li tiggwidana fuq l-interpretazzjoni korretta tad-Direttiva, u ħafna mit-termini m'humiex spjegati. Dan jagħmilha verament diffiċli biex nagħtu gwida f'każijiet individwali. Ċentri speċjalizzati ta' linji ta' gwida jew korpi għall-promozzjoni tat-trattament ugwali, normalment huma utli ħafna biex jidentifikaw każijiet li minnhom jistgħu jirriżultaw mistoqsijiet legali, li normalment ikunu riferuti lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja għal interpretazzjoni. Għadu xi ftit kmieni biex każijiet li jikkonċernaw d-diżabilità jiġu riferuti l-Qorti għar-raġuni li l-Istati Membri għandhom l-għażla - fejn tista' tkun ġustifikata - ta' tliet snin (minn Diċembru 2003) biex il-provediment li jikkonċernaw id-diżabilità fid-Direttiva ta' l-impjieg isiru liġijiet.

Għalkemm id-Direttiva ta' l-impjieg ma titlobx li l-Istati Membri jistabilixxu entitajiet biex jippromwovu trattament ugwali fid-dawl ta' metodi oħra ta' diskriminazzjoni, uħud mill-Istati Membri marru pass 'il bogħod mir-rekwiżiti minimi mitluba minnhom, bħal, per eżempju, l-Isvezja għandhom Ombudsman għal diskriminazzjoni fuq l-orjentazzjoni sesswali, u fil-Belġju l-mandat taċ-Ċentru għal Opportunitajiet Indaqs ġie mwessa' biex ikopri l-affarijiet l-oħra tad-diskriminazzjoni.

**Transpożizzjoni**

Xtaqt li issa nagħtu ħarsa lejn it-transpożizzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri. Id-data ta' l-għeluq biex l-Istati Membri jagħmlu transpożizzjoni fil-liġijiet nazzjonali kienet dik tat-2 ta' Dicembru, 2003, bil-possibilità ta' tliet snin oħra biex il-provediment fuq id-diskriminazzjoni li tikkonċerna l-età u d-diżabilità jsiru liġijiet, bil-għan li nżommu f'moħħna kundizzjonijiet partikulari. Numru ta' Stati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni li huma jixtiequ jużaw dan il-perijodu żejjed.

Il-Belġju, ir-Renju Unit, il-Ġermanja, l-Olanda u l-Isvezja se jagħmlu użu mit-tliet snin għal provediment li jikkonċernaw diskriminazzjoni relatata ma' l-età, waqt li d-Danimarka se jużaw sena biss.

Franza nnotifikat lill-Kummissjoni li hi beħsiebha tagħmel użu mit-tliet snin żejda fir-rigward tal-provediment li tirrigwarda d-diżabilità, ir-Renju Unit u d-Danimarka beħsiebhom jużaw sena waħda biss.

Għal dawk l-Istati Membri li għadhom kemm saru membri sħaħ, huma kellhom jimplimentaw fil-massimu possibbli d-Direttiva sad-data ta' sħubija, jiġifieri l-1 ta' Mejju, 2004.

Biex tkunu tistgħu tifhmu aħjar kif jaħdem il-proċess ta' implimentazzjoni, ħa nagħtikom xi indikazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni tad-Direttiva li tirrigwarda r-razza, li semmejt fil-bidu. Fid-data stipulata biex tiġi implimentata din id-Direttiva, kienu biss Franza u l-Italja li kienu daħħlu d-Direttiva fil-liġi nazzjonali tagħhom. Proċeduri fuq il-vjolazzjoni ta' nuqqas ta' komunikazzjoni fl-implimentazzjoni tal-miżuri kienu maħruġa kontra l-Istati Membri l-oħra (uħud minnhom implimentaw effettivament id-Direttiva però ma assigurawx kopertura ġeografika mija fil-mija). L-ewwel stadju ta' dawn il-proċeduri huwa dak li tintbagħat ittra formali, u l-Istati Membri għandhom xahrejn biex iwieġbu. Jekk ma jkunx hemm tweġiba, jew din tkun inadekwata, il-Kummissjoni tibgħat "reasoned opinion". Uħud minn dawn intbagħtu fi Frar ta' din is-sena lill-Ġermanja, l-Awstrija, ir-Renju Unit, l-Irlanda, il-Lussemburgu, il-Belġju, il-Greċja, il-Finlandja, u l-Olanda. F'ħafna minn dawn il-pajjiżi jeżistu abbozzi ta' leġislazzjonijiet u jinsabu fi stadju avvanzat, ftit qabel ma jidhru quddiem il-Parlament Nazzjonali; minħabba f'hekk dalwaqt ikollna d-Direttiva tar-Razza f'dawn il-liġijiet. L-eċċezzjoni hija l-Ġermanja, li sa fejn nafu aħna għad lanqas hemm abbozz.

Jekk nerġgħu nduru għad-Direttiva ta' l-Ugwaljanza fl-Impjiegi, ittri formali minħabba nuqqas ta' komunikazzjoni ntbagħtu f'Jannar ta' din is-sena lill-Ġermanja, id-Danimarka, l-Awstrija, ir-Renju Unit, l-Irlanda, il-Lussemburgu, il-Belġju, il-Greċja, il-Finlandja, u l-Olanda. F'numru ta' stati membri, iż-żewġ Direttivi kienu implimentati fl-istess abbozz leġislattiv, li wħud minnhom jinsabu quddiem il-parlament nazzjonali.

Sa llum il-ġurnata għad għandna stampa xi ftit imċajpra minn dawk l-Istati Membri li għadhom kemm issieħbu fl-Unjoni Ewropea. Il-maġġoranza tagħhom attwaw leġislazzjonijiet li jirreflettu d-Direttiva, però s'issa għadna ma smajna xejn mingħand Ċipru u l-Estonja.

Proċeduri fuq il-vjolazzjoni ta' nuqqas ta' komunikazzjoni fl-implimentazzjoni tal-miżuri m'humiex l-uniċi tipi ta' proċeduri li jaqgħu taħt artiklu 226 ta' dan it-trattat. Issa ħa nibdew neżaminaw fid-dettal il-leġiżlazzjoni ta' l-Istati Membri li lestew it-tranżpożizzjoni tad-Direttiva, ħalli nivverifikaw jekk għamlux kollox korrettament. Kif tistgħu timmaginaw din hija xi ħaġa xi ftit twila, speċjalment meta tkun iffaċċjat b'xi 500 paġna, bħal-leġislazzjoni Finlandiża - u ma ngħidu xejn għal dik Litwana jew Ċeka!

Il-Kummissjoni tirċievi wkoll ilmenti mingħand individwi jew organizzazzjonijiet. Normalment ma tantx inkunu nistgħu

ngħinu, sakemm l-ilment ma jurix li l-Istat Membru jkun qed jikser l-obbligazzjonijiet li jaqgħu taħt id-Direttivi. F'dak il-każ nikkunttattjaw l-Istat Membru u ninvestigaw l-ilment.

Nispera li tajtkom stampa ċara ta' Direttiva kontra d-diskriminazzjoni fil-qasam ta' l-impjiegi. Ninsab ċerta li lkoll indunajtu li din id-Direttiva għadha relattivament ġdida u ħafna mistoqsijiet għadhom bla tweġiba. Jekk tkunu teħtiegu aktar informazzjoni fuq d-Direttivi jew fuq ix-xogħol tal-Kummissjoni f'dan il-qasam, nissuġġerixxi li taslu wasla sal-web-page (http://europa.eu.int/comm/employment_social/index_en.html). Partikolarment nirrikmanda li taqraw il-Green Paper fuq il-futur tal-policy ta' kontra d-diskriminazzjoni fuq livell ta' l-Unjoni Ewropea u r-riżultati dwar il-kwestjonarju.

Ovvjament jiena kkonċentrajt fuq id-Direttiva ta' kontra d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol peress li din hija t-tema prinċipali ta'din il-Konferenza. Xtaqt nagħlaq billi nagħti résumé ta' x'attivitajiet li l-Kummissjoni qed tieħu b'konnessjoni ma' l-impjiegi u d-diżabilità.

Ħafna minnkom jafu li s-sena 2003 kienet s-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità. Kienet sena li l-għan prinċipali kien li noħolqu awareness ħalli s-sitwazzjoni li jinsabu fiha l-persuni b'diżabilità, speċjalment id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom ta' kuljum, jinġiebu għall-attenzjoni ta' udjenza akbar madwar l-Unjoni Ewropea kollha. Aħna kburin li din is-sena kienet waħda ta' suċċess kbir b'parteċipazzjoni qawwija mill-Istati Membri.

Tgħallimna ħafna x'inhuma l-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità u ppruvajna ndaħħlu dan il-bżonn fil-policy tagħna.

Dan huwa l-Pjan ta' Komunikazzjoni u Azzjoni li fassalna: "Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità: Pjan ta' Azzjoni Ewropew." Dan id-dokument jittratta l-istrateġija fuq id-diżabilità sas-sena 2010, u jidentifika ħames prijoritajiet li fuqhom għandha tittieħed azzjoni bejn l-2004-2005, kollha mill-perspettiva ta' l-impjiegi. Dawn huma aċċess għal impjiegi; aċċess għal ambjent mibni; edukazzjoni tul il-ħajja kollha, bl-użu ta' potenzjal teknoloġiku; aċċess għal ambjent mibni. Prijoritajiet oħra ħa jiġu identifikati fi pjani ta' azzjoni oħrajn li ħa jkopru l-perjodu sa l-2010.

Barra dawn, il-Kummissjoni ħa tippubblika f'kull tieni sena, li jibdew mil-2005, rapport dwar is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità fl-Unjoni Ewropea, bil-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri u l-NGOs. Qed naħdmu wkoll, b'kooperazzjoni ma' kollegi li huma esperti fis-suq tax-xogħol, fuq paper li tittratta l-mainstreaming tad-diżabilità f'policies ta' impjiegi u programmi. Fiha ha jkunu ppubblikati dettalji fuq prattiċi nazzjonali fl-10 linji gwida ta' l-Istrateġija Ewropea dwar l-Impieg. Din, flimkien mal-Komunikazzjoni, hija l-għodda prinċipali biex ninkoraġġixxu opportunitajiet indaqs fil-qasam tax-xogħol għal persuni b'diżabilità.

Din hija deskrizzjoni qasira ta' l-attivitajiet li għandna relatati max-xogħol b'konnessjoni mad-diżabilità, li aħna nemmnu li tgħin u tikkomplimenta attivitajiet fil-qasam ta' kontra d-diskriminazzjoni.

Konsulent, Dipartiment
għar-Relazzjonijiet Industrijali

# Dr Noel Vella

Nirringrazzjak Mr. Chairman. Irridu nirrikonoxxu l-importanza li għandu l-impjieg u x-xogħol fit-twettiq ta' l-ispirazzjonijiet u l-irrealizzar tal-potenzjal ta' kull wieħed u waħda minna fid-diversi oqsma tal-ħajja.

Kien appuntu għalhekk, li kienet waħda mir-raġunijiet li l-Unjoni Ewropea ħasset il-ħtieġa li tfassal Direttivi kontra d-diskriminazzjoni f'diversi forom, fil-kuntest ta' l-impjieg biex dawn jgħinu fl-iżvilupp ħolistiku tal-persuna u fl-integrazzjoni tagħha fis-soċjetà.

Fl-2002 daħal fis-seħħ l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali u dan jiddefinixxi t-trattament diskriminatorju bħala kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika, li tinkludi diskriminazzjoni fuq il-bażi li jissemmew direttament il-kulur, ir-razza, is-sess, u d-diżabilità. Taħt din il-liġi ħadd ma jista' jissottoponi persuna għal trattament diskriminatorju, jiġifieri ħadd ma jista' juża kejl differenti fl-istess ċirkustanza, għax persuna tkun ta' ċerta età, kulur, razza, orjentament sesswali, reliġjon, jew twemmin, jew għax ikollha xi diżabilità. Fil-każ ta' persuna li tapplika għal impjieg din il-protezzjoni li toffri l-liġi tkopri l-proċess kollu mir-reklamar tal-pożizzjoni, il-proċess ta' l-għażla, ir-reklutaġġ, u t-taħriġ li jista' jkun hemm bżonn li jingħatha lil persuna kemm qabel hi tiġi jngaġġata kif ukoll tul l-impjieg tagħha. Hemm ukoll l-obbligu li persuna ta' reliġjon, jew razza partikolari, eċċ, li tkun fl-impjieg, tingħatha trattament indaqs f'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet ta' l-impjieg jew iċ-ċans ta' promozzjonijiet.

Il-liġi tisħaq fuq id-dritt li l-persuna ma ssofrix trattament diskriminatorju permezz ta' azzjonijiet li bihom il-prinċipal xjentement jimmaniġġja x-xogħol, jew iqassam x-xogħol tiegħu, jew jirranġa l-kundizzjonijiet tax-xogħol b'tali mod li jmpjegat ikun assenjat status inqas favorevoli minn ieħor. Il-Liġi toffri wkoll protezzjoni minn vittimizzazzjoni lil kull persuna li tagħmel xi jlment jew li tkun bdiet xi proċedura fuq allegat ksur ta' dawn il-provedimenti. Barra mill-att prinċipali hemm ukoll żewġ settijiet ta' regolamenti magħmula taħt dan l-istess

att li huma ta' relevanza għad-diskussjoni tal-lum. Fl-2003 inħasset il-ħtieġa li l-qafas legali jitwessa' u għal dan il-għan kien ippreparat fl-avviż legali 297 li jispeċifika li f'każi ta' allegat diskriminazzjoni ppreżentat quddiem it-Tribunal Industrijali, it-Tribunal irid jieħu a konjizzjoni l-provedimenti tad-Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea 2000/43 u 2000/78.

L-għan ta' dawn id-Direttivi huwa kif tafu lkoll, li jikkumbatti d-diskriminazzjoni a bażi ta' l-età, diżabilità, razza, orjentazzjoni sesswali, u reliġjon. Imbagħad din is-sena daħal fis-seħħ l-avviż legali 416, ir-regolamenti ta' l-2004 dwar it-trattament ugwali fl-impjieg, li joffri lil persuna li taħseb li qed tiġi ttrattata b'mod diskriminatorju diversi drittijiet, u hawnhekk ħa nelenka ftit fil-qasir ħafna xi punti prinċipali li joħorġu minn dawn ir-regolamenti.

Barra minn diskriminazzjoni diretta, kif smajna diġà, fejn persuna tiġi ttrattata agħar minn persuna oħra f'sitwazzjoni komparabbli, daħal il-prinċipju tat-trattament diskriminatorju indirett. Din teżisti meta provediment, kriterju, jew prattika li jkunu jidhru li jkunu newtrali jistgħu jqiegħdu persuna b'diżabilità, ta' razza partikolari, eċċ, fi żvantaġġ meta jiġu mqabbla ma' persuni oħrajn. Daħal il-kunċett li jipprojbixxi l-fastidju, il-harassment; mhux permess li persuna tkun suġġetta għal imġiba jew talbiet mhumiex mixtieqa relatati ma' l-età, reliġjon, orjentazzjoni sesswali, razza, jew diżabilità, meta l-imġiba jew it-talba jsiru bi skop li jivjolaw id-dinjità tal-persuna, jew li joħolqu ambjent intimidatorju, ostili, degradanti, jew offensiv.

Hemm ukoll l-obbligu tat-trattment indaqs li ma jkunx limitat biss għall-post tax-xogħol imma gie estiż biex ikopri l-operat ta' diversi organizzazzjonijiet, bħal għaqdiet ta' min iħaddem, il-unions, u anki aġenziji ta' l-impjieg. Dawn jiġifieri jirregolaw il-mod kif jipproċessaw applikazzjoni tal-membership, applikazzjonijiet għal benefiċċji li jistgħu jagħtu lill-membri tagħhom, eċċ. Hemm ukoll l-obbligu, kemm fuq il-prinċipal, kif ukoll fuq min imexxi l-organizzazzjonijiet li għadni kemm semmejt li mhux talli ma jordnawx lil xi persuna biex ma tiddiskriminax kontra xi persuna oħra, imma li għandhom l-obbligu wkoll li jrażżnu kull forma ta' fastidju fuq il-post tax-xogħol jew fl-organizzazzjoni tagħhom, jiġifieri din qed testendi l-obbligu, anki jekk prinċipal ikun jaf li klijent tiegħu meta jiġi fuq il-post tax-xogħol qed jinfastidixxi jew qiegħed b'xi mod idejjaq lil xi ħaddiema tiegħu, l-employer huwa responsabbli wkoll li jieħu azzjoni biex dan l-aġir jieqaf, appuntu skond il-liġi.

Ġie wkoll imdaħħal il-kunċett ta' positive action f'dak li għandu x'jaqsam ma' aċċess għal taħrig biex jipprepara persuni b'diżabilità, etċ, għal xogħol partikolari. Hemm ukoll il-possibilità li assoċjazzjoni li jkollha interess leġittimu, tidħol hi, f'isem jew b'appoġġ għal min jagħmel l-ilment, xi proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva mittieħda skond ir-regolamenti. Ta' min jinnota li ġa la darba persuna tipprova li t-trattament mogħti lilha ma kienx ugwali,

imbagħad ikun l-obbligu ta' l-akkużat li jġib prova li dak it-trattament kien iġġustifikat u jekk jonqos li jagħmel dan il-Qorti tista' tiddeċiedi favur min qed jagħmel l-ilment.

Biex nikkonkludi ħa nagħti ftit informazzjoni dwar x'tista' tagħmel persuna li tħoss li sofriet trattament inugwali. Persuna li tħoss li ġiet ittrattata b'mod inugwali tista' tikteb lil min taħseb li kien qed jagħmel dan it-trattament mhux indaqs u titolbu jagħti spjegazzjoni għall-aġir; tagħmel in-notifikazzjoni tagħha  u tagħmel spjegazzjoni ta' l-artiklu. Dan fi żmien għaxart ijiem hu obbligat jirrispondiha u hu obbligat ukoll li jagħti r-raġunijiet, jekk dawn jeżistu, għaliex ma jaqbilx ma l-allegazzjonijiet li tkun għamlet il-persuna. Dan id-dritt jista' jiġi eżerċitat ukoll mid-Direttur tax-Xogħol. Din il-korrispondenza tista' tiġi ppreżentata fil-Qorti u jekk il-Qorti tiddeċiedi li jew ma tiġix ippreżentata, jew ma tkunx ingħatat risposta, jew il-Qorti taħseb li din kienet ekwivoka jew evażiva, tista' tinferixxi anki li sar att illegali.

Hemm il-possibilità li l-każ jittieħed quddiem it-Tribunal Industrijali; il-persuna li tagħmel l-allegazzjonijiet għandha ċans erba' xhur biex tippreżenta l-ilment quddiem dan it-tribunal, li jekk iħoss li dan l-ilment hu ġġustifikat jista' joffri rimedju kemm f'dak li għandu x'jaqsam f'kanċellament ta' kuntratt jew xi klawsola, kif ukoll fl-għoti ta' xi kumpens raġonevoli. Imbagħad hemm il-possibilità li persuna tiftaħ kawża fil-Qorti Ċivili, li wkoll għandha erba' xhur ċans biex tagħmel dan, u din titlob lill-Qorti biex twaqqaf l-azzjonijiet illegali u jekk il-ħtieġa anki titlob kumpens għal xi danni li tkun sofriet; hemm ukoll il-possibilità illi xi ħadd jagħmel ilment ma' l-uffiċjal tad-Dipartiment tax-Xogħol, illi f'dan il-każ jistgħu jieħdu l-każ il-Qorti, u jekk il-Qorti tiddeċiedi jlli l-persuna tkun ħatja, tista' twaħħal multa ta' mhux aktar minn elf lira jew sitt xhur priġunerija, jew it-tnejn flimkien. Jiġifieri hemm diversi options available għall- individwu biex jeżerċita d-drittijiet tiegħu.

Finalment nagħlaq biex ngħid illi għalkemm il-qafas legali huwa importanti, daqstant ieħor huma importanti l-miżuri li jieħdu l-Istat, l-imsieħba soċjali, f'dak li għandu x'jaqsam ma' edukazzjoni, u tibdil ta' attitudni versu l-minoranzi f'pajjiżna. Daqstant importanti huwa wkoll l-għarfien li kull wieħed u waħda minna nirrikonoxxu minn età żgħira li għandna drittijiet u obbligi reċiproċi u hija r-responsabilità tagħna bħala individwi li nagħmlu li nistgħu biex inkattru soċjetà inklużiva li verament tirrispetta l-individwu u d-diversità fl-individwu.

Nirringrazzjakom.

Segretarju Taqsima Entitajiet
Pubbliċi tal-Union
Ħaddiema Magħqudin

# Is-Sur Jesmond Bonello

Wara diskussjoni daqstant tajba mingħand Dr. Vella, forsi xi ftit diffiċli biex inkompli noħloq argumenti ġodda. Biss, ħa nagħmel l-almu tiegħi wkoll.

L-għan ta' din id-Direttiva hija waħda ġusta li trid fl-aħħar mill-aħħar jekk nimplimentawha kif suppost, tagħti l-frott tagħha. Din id-Direttiva tiffoka fuq faxex mis-soċjetà li preżentement tista' jew qiegħda ssir xi tip ta' diskriminazzjoni magħhom. F'Malta, bħal ma' qal Dr. Vella, diġà għandna liġijiet li jittrattaw kemm id-diskriminazzjoni kif ukoll l-opportunitajiet indaqs. M'hemmx għalfejn ngħidu li numru ta' każijiet li kellna diġà l-K.N.P.D. fil-każ ta' persuna b'diżabilità li saret diskriminazzjoni jew inkella ma kellhomx aċċess għal xi tip ta' impjieg, naħseb dawn għamlu l-funzjoni tagħhom tajjeb li fl-aħħar mill-aħħar, permezz tar-rappreżentazzjonijiet tagħhom, qed ninnutaw ukoll li dawn fl-aħħar mill-aħħar ġew solvuti. It-tajjeb ta' din id-Direttiva huwa l-fatt li tittratta firxa aktar wiesgħa, fosthom persuni li għandhom twemmin differenti minn ħaddieħor, l-età, id-diżabilità, ir-reliġjon, jew l-orjentament sesswali. Meta wieħed jara din il-firxa tant wiesgħa wieħed jinnota li jiena li qatt ma kont inħossni wieħed minn din il-faxxa, erbat ijiem oħra nista' nkun f'waħda minn dawn il-faxxi; għax jekk jiena nagħlaq għaxar snin oħra nasal f'faxxa fejn niġi effettwat minħabba l-età.

It-tajjeb ta' din id-Direttiva hu wkoll li mhux qed tiffoka fuq kundizzjonijiet tax-xogħol fis-sens salarji, jew promozzjonijiet biss, imma min-naħa tagħha qed twessa' dak li jista' jkun diskriminazzjoni, fis-sens li għandek diskriminazzjoni bħal salarji, jew kundizzjonijiet tax-xogħol oħra bħal leave jew sick leave, u min-naħa l-oħra hemm ukoll l-edukazzjoni. F'soċjetà fejn illum għandna kunċett ta' life long learning dieħel, hu importanti li kull persuna li qiegħda f'din il-faxxa, li jkollu d-dritt u l-opportunità u l-aċċess li jkollu edukazzjoni li tibqa' tkun kontinwa u ma jridx ikun hemm differenzi bejn impjegat u impjegat ieħor, għandhom neċessitajiet differenti fosthom bżonn għal aċċessibilità aħjar. Sinċerament, minħabba diversi raġunijiet varji mhux dejjem li jkollna din l-aċċessibilità fuq il-postijiet tax-xogħol kollha, jistgħu jkunu finanzjarji jew oħra; vantaġġ tad-Direttiva hija li ma tiffukax biss fuq l-

aċċessibilità ta' l-individwu fuq il-post tax-xogħol biss; iva, Ok, irid ikollok aċċessibilità għas-siġġu bir-roti, imma hemm aċċessibilità oħra, aċċessibilità għat-taħriġ, aċċessibilità għax-xogħol stess. Illum l-aċċessibilità narawha xi ftit dejqa imma inti meta trid tara persuna b'diżabilità li m'għandux possibilità li tavvanza fuq il-post tax-xogħol hemmhekk qed tiġi żvantaġġjata minn ħaddieħor. Issa l-fatt li din id-Direttiva tagħti lok għal tibdil fil-ħinijiet, tagħti lok għal apparat li jgħinu lil persuna b'diżabilità, din fl-aħħar mill-aħħar ħa tgħinu biex javvanza fil-karriera tiegħu. Sfortunatament illum ikun hawn perception, li llum għadha għaddejja, li persuna b'diżabilità jista' jkollu impjieg bħala receptionist jew inkella bħala telephone operator; dan il-kunċett huwa ħażin.

Illum, jekk inti għandek impjegat kwalunkwe, anki persuna b'diżabilità, u tagħtih l-opportunità sabiex jeduka ruħu u javvanza, dik l-opportunità ħa jeħodha u jsarrafha biex juri li hu kapaċi daqs ħaddieħor. U din id-Direttiva ħa tagħti lok biex persuna b'diżabilità tavvanza daqs ħaddieħor; nixtieq ngħid, hawnhekk, li anki jiena bħala union, għadni nsib diffikultà biex persuna tagħtih l-opportunitajiet biex tavvanza; ġeneralment issib barrieri, li għalkemm tagħmel l-argumenti tiegħek, fl-aħħar mill-aħħar issib dak il-blokk li ma jagħtikx l-opportunità u forsi permezz tad-Direttiva din tista' ssir. Imma bħal ma għedna, diskriminazzjoni ma ssirx fuq persuna b'diżabilità biss jew persuna minħabba r-razza; tista' ssir ukoll minħabba l-età. Kemm hawn nies ta' 45 sena jew 40 sena 'l fuq li hu diffiċli biex isibu impjieg. Permezz ta' din id-Direttiva, din ħa tissolva ruħha? Għax jekk fl-aħħar hemm perception li persuna ta' 40 sena mhix kapaċi iktar, importanti li nbiddlu l-kultura ta' din is-soċjetà. Nixtieq ngħid ukoll li hawnhekk għandek lok ta' interpretazzjonijiet, fis-sens li inti permezz ta' din id-Direttiva ħa titratta faċilment każijiet li jidhru, li huma diretti, fis-sens, illum sejħa għal applikazzjoni ma tistax tinkiteb billi tgħid li hemm vacancy imma ma tistax timtela minħabba dik ir-razza, jew minħabba dak l-orjentament sesswali, jew għax inti għandek ċerta età; iżda din xorta tista' ssir b'mod sottili minn taħt. Persuna fl-interview tista' fl-aħħar mill-aħħar tagħżel lilek jew ma tagħżlikx minħabba numru ta' raġunijiet; tista' tagħti l-każ li għalkemm inti kapaċi, il-persuna tista' ssib raġuni valida li tiġġustifika għalfejn ma impjegakx u għalhekk ikun hemm lok ta' dawn l-interpretazzjonijiet.

Biss irrid ngħid ukoll li diskriminazzjoni mhix biss fil-fatt li inti tieħu l-impjieg jew le; jista' jkun mod sottili wkoll li għalkemm jimpjegak jagħtik xogħol diffiċli biex tagħmlu u fl-aħħar mill-aħħar inti stess tiddeċiedi biex titlaq. Dawn huma każijiet li aħna ngħixuhom, każijiet reali, fejn persuni b'diżabilità jingħataw xogħol li l-ħaddiema l-oħrajn fil-fabbriki ma jkunux iridu jaħdmu sabiex fl-aħħar mill-aħħar dan il-persuna jkollha titlaq għax tiddeċiedi hija. U din ukoll hija diskriminazzjoni.

Bħala konklużjoni xtaqt nisħaq li din id-Direttiva kif inhi tista' toħloq numru ta' interpretazzjonijiet; imma l-uniku mod li dawn l-interpretazzjonijiet jistgħu joħolqu ekwivoċi jissolvew huma billi ssir konsultazzjoni aktar fuq din id-Direttiva, issir fl-MCESD u forsi b'hekk insolvu abbuż li għandna madwarna.

Grazzi.

Deputat CEO, Korporazzjoni
tal-Impjieg u t-Taħriġ

# Is-Sur Felix Borg

Nibda billi nirringrazzja lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità u s-Servizz tal-Ġiżwiti mar-Rifuġjati (Malta) talli stedintuni biex nitkellem f'din il-Konferenza.

Nibda mill-ewwel biex b'relazzjoni mat-tema tal-Konferenza, ngħid x'servizzi toffri l-ETC relatati mas-servizzi u l-impjiegi li jidhru fis-slajd li hemm murija hemmhekk, fejn persuna li qiegħda tfittex ix-xogħol indipendentement jekk hi abbli jew għandha diżabilità, indipendentement mill-età, orjentazzjoni sesswali, jew kundizzjonijiet oħra għanda dritt tirreġistra għax-xogħol mal-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ.

Imbagħad għandna funzjoni ta' medical assessment li nużawha primarjament ma' persuni b'diżabilità. Meta persuna tirreġistra għax-xogħol, b'hekk qed tiddikjara li qed tfittex xogħol. Aħna noffru servizz ta' profiling u guidance, jiġifieri nitkellmu mal-persuna li ġiet tfittex ix-xogħol. F'dal-każ ankè persuna li għanda xi żvantaġġ fis-soċjetà, fejn l-istaff tagħna jiddiskutu mal-persuna l-ħiliet u l-esperjenza  u ankè x'tip ta' xogħol tixtieq tagħmel  u x'tip ta' taħriġ tixtieq tagħmel. U mbagħad niggwidawha għat-taħriġ u t-tip ta' xogħol li tixtieq tagħmel. Hemm, barra li jkollna elenku - ħa ngħid hekk - ta' persuni li qed ifittxu x-xogħol, aħna mingħand min iħaddem nirċievu job vacancies jiġifieri postijiet battala li jkun hemm fuq il-postijiet tax-xogħol u allura hi funzjoni tagħna li nagħmlu job matching, jigifieri li nqabblu l-persuna li qed tfittex ix-xogħol mal-vacancies li nirċievu mingħand min qiegħed iħaddem. Hekk wara l-job matching, jekk dan jirnexxi, allura jkun hemm job placement, jiġifieri jkun irnexxielna npoġġu persuna fl-impjieg.

Barra dawn is-servizzi ta' impjiegi għandna programmi ta' taħriġ; għandna numru kbir, għandna madwar sebgħin u mbagħad nużaw ukoll skemi ta' xogħol u taħriġ biex ngħinu gruppi żvantaġġati jintegraw aktar fis-suq tax-xogħol. Primarjament għall-persuni b'diżabilità aħna noperaw żewġ skemi u ankè żewġ

ftehim li għandna - l-ewwel skema hija l-Bridging the Gap Scheme, fejn aħna npoġġu l-persuna b'diżabilità fuq il-post tax-xogħol u din il-persuni għal tliet xhur tambjenta ruħha fuq il-post tax-xogħol u waqt li tkun qiegħda f'dan il-post tax-xogħol nagħtuha allowance ukoll fi ħlas finanzjarju. Però din il-Bridging the Gap Scheme, għalkemm tipprovdi work exposure jew taħriġ, ma tipprovdix impjieg. Imbagħad għandna skema oħra li hija l-Employment Training Placement Scheme fejn aħna l-persuna npoġġuha f'post tax-xogħol u b'hekk inkunu sibnielha wkoll impjieg. Barra li nkunu sibnielha impjieg niftiehmu ma' min iħaddem biex  talli jħarreġ lil din il-persuna aħna nissussidjaw nofs il-paga minima, skond sa kemm sa jdum il-perjodu ta' taħriġ.

Barra dawn iż-żewġ skemi aħna għandna ftehim mal-Fondazzjonijiet Eden u Richmond biex dawn jipprovdulna servizzi speċjalizzati ta' taħriġ, work exposure, impjiegi u follow on support għall-klijenti tagħna li jkunu persuni b'diżabilità.

Xtaqt insemmi malajr ukoll xi achievements li kellna fis-sena finanzjarja li għaddiet. Fi tnax-il xahar ta' l-aħħar sena finanzjarja rnexxielna nħarrġu 65 persuna b'diżabilità jew direttament aħna jew permezz tal-ftehim li għandna maż-żewġ fondazzjonijiet. Sibna xogħol għal 73 persuna b'diżabilità; għenna 26 persuna b'diżabilità permezz tal-Bridging the Gap Scheme u 10 persuni oħra permezz tal-Employment Training Placement Scheme.

Semmejt dawn iż-żewġ skemi qabel - il-Bridging the Gap Scheme u l-Employment Training Placement Scheme; dawn iż-żewġ skemi għalkemm huma ta' għajnuna kbira għall-persuni b'diżabilità biex isibu impjieg, jipprovdu għajnuna temporanja għal min se jħaddem biex iħaddem dik il-persuna u jħarriġha. U għalhekk fassalna skema ġdida li qed insejħulha l-Iskema ta' Impjieg Issapportjat biex ngħinu lil min iħaddem u iktar u iktar 'il persuna b'diżabilità biex jintegra fuq il-post tax-xogħol fuq bażi permanenti.

Ħa nispjega ftit fuq fuq x'inhi din l-Iskema ta' Impjieg Issapportjat. Din se tkun l-iskema tagħna prinċipali ħa ngħid hekk mis-sena li ġejja 'l quddiem. Ħa tkun launched is-sena li ġejja u ħa tkun iffinanzjata primarjament mill-European Social Fund u ankè parzjalment iffinanzjata mill-Gvern Malti. Permezz ta' din l-iskema, aħna se npoġġu persuni b'diżabilità, hemmhekk hemm 10 imma il-ħsieb hu li fuq sentejn ikollna 65 persuna, illi l-ewwel inpoġġuhom fuq Bridging the Gap Scheme għal 8 ġimgħat f'post tax-xogħol u waqt dawk it-8 ġimgħat ikunu assessed minn job coach. Wara 4 ġimgħat jintervjeni occupational therapist illi jagħmel analiżi tal-persuna b'diżabilità biex naraw x'ħiliet għandu jew għandha dik il-persuna u x'tip ta' għajnuna iktar għandha bżonn. Ir-rapport tal-occupational therapist jiġi diskuss. Wara 8 ġimgħat jiġi diskuss mill-Employment Advisor tal-ETC, minn min iħaddem il-persuna, l-occupational therapist u l-job coach u mbagħad jiġi determinat x'tip ta' għajnuna ħa tingħata fuq bażi permanenti jew le lill-persuna b'diżabilità.

L-Iskema ta' Impjieg Issapportjat se toffri 5 options ta' għajnuna li se nispjega iktar 'il quddiem. Però skond l-assessment li sar tal-persuna, għal dawk il-persuni li jkunu assessed, illi l-produttività tagħhom sa 40%, allura jikkwalifikaw għal kategorija numru wieħed li ħa nispjega minn hawn u ftit ieħor. Għal dawk il-persuni li l-produttivita tagħhom hi bejn 41-60% allura dawn jikkwalifikaw għall-għajnuna tal-kategoriji minn 2 sa 5.

Ħa nispjegalkom daqsxejn x'inhuma. Mela taħt il-kategorija 1, taħt din l-iskema, l-ETC tipprovdi job coaching services għal 4 sigħat kuljum u personal assistant; jiġifieri aħna ħa nagħtu somma flus lil min iħaddem biex kull sena fuq bażi permanenti din il-persuna li tkun impjegata full time ma dik l-azjenda tipprovdi għajnuna lil persuna b'diżabilità. Hawnhekk taħt din il-kategorija, kemm is-servizzi ta' job coach u ankè l-finanzjament ta' personal assistant huma fuq bażi permanenti, jiġifieri sakemm dik il-persuna tibqa taħdem ma' dak l-employer. Din hija ħaġa li s'issa ma kinitx possibbli bi skemi oħrajn.

Taħt il-kategorija 2, hawnhekk għandna l-option li nipprovdu sussidju lil min iħaddem, ekwivalenti ma' nofs il-paga minima mingħajr ma' noffru servizzi ta' job coaching services jew personal assistant. Però hawnhekk ukoll f'dal-każ, is-sussidju huwa fuq bażi permanenti, u mhux għal sena.

Taħt il-kategorija 3, jekk il-persuna jkollu bżonn din it-tip ta' għajnuna, aħna nipprovdu sussidju lil min iħaddem ekwivalenti għal nofs il-paga minima, u *personal assistant* fuq bażi permanenti; jiġifieri din qisha bħal category 2 imma barra li hemm is-sussidju hemm ukoll *personal assistance* għal min iħaddem. Jiġifieri somma flus biex ikun hemm wieħed mill-impjegati jindokra, biex nuża din il-kelma, lill-persuna b'diżabilità li jiġi integrata fuq il-post tax-xogħol.

Taħt l-kategorija 4, aħna nistgħu nipprovdu job coaching services fuq bażi temporanja għal 40 ġimgħa mingħajr personal assistance. Din hija option oħra; inkella hemm category 5 li hija assistenza ta' job coach għal 40 ġimgħa u personal assistance fuq bażi permanenti lil min iħaddem.

Din hija fuq l-Iskema ta' Impjieg Issapportjat - ħa tisimgħu aktar dwarha kemm minn għandna, kemm mill-Kummissjoni meta nillanċjawha s-sena d-dieħla.

Peress li ankè t-tema tal-Konferenza tal-lum tittratta ankè r-refuġjati xtaqt ngħid kelmtejn fuq l-għajnuna li l-ETC tagħti lil dawk il-persuni barranin li għandhom status ta' refuġjat jew ingħataw status umanitarju. Ir-refuġjati, kif qal Fr Pierre qabli, għandom id-dritt illi jaħdmu f'Malta; min għandu status ta' refuġjat, u għandhom dritt ukoll li jirreġistraw għax-xogħol. Fil-fatt, preżentament għandna madwar 15-il persuna li qegħdin jirreġistraw għax-xogħol fuq l-ewwel parti tar-reġistru daqs li kieku kienu Maltin u dawn għandhom l-istess drittijiet daqs il-Maltin biex aħna nagħtuhom

is-servizzi tagħna ta' impjiegi u taħriġ. Hemm madwar 200 persuna li għandhom il-work permits u hemm madwar 70 li huma reġistrati ma' l-ETC li huma refuġjati jew li għandhom humanitarian status li qegħdin jaħdmu.

Jien, meta kien qed jitkellem Fr Pierre, ġieni f'rasi 70 biss hawn jaħdmu refuġjati jew persuni li għandhom status umanitarju - jista' jkun li hemm iktar, però jekk hemm iktar mhux jaħdmu b'mod legali - qegħdin jaħdmu b'mod illegali - 70 biss qegħdin jaħdmu b'mod legali, u allura jekk imbagħad ikun hemm każi ta' sfruttament u abbuż, dawn ma jkollhom l-ebda protezzjoni probabbli mill-awtoritajiet għax l-impjieg tagħhom ikun illegali. Probabbli jew għax ma jkunux jafu r-regoli jew għax min iħaddem irid jabbuża. Però jekk hemm iktar minn dawn is-70 qegħdin jaħdmu b'mod illegali u naħseb din hi xi ħaġa li rridu naraw flimkien.

Irrid ngħid ukoll li fejn jidħol refuġjati u persuni li għandhom status umanitarju, is-sena li għaddiet ħarriġna 8 persuni li kienu qed ifittxu ix-xogħol fil-lingwa Ingliża biex ngħinuhom jintegraw hawn Malta. Jekk eventwalment jitilqu minn Malta u jissetiljaw f'pajjiż ieħor ikunu jistgħu jikkomunikaw u jsibu impjieg u jintegraw f'dik is-soċjetà.

Naħseb li nista' nagħlaq hawn; jekk imbagħad inkun nista' nelabora jekk ikun hemm bżonn fid-diskussjoni.

Grazzi.

President, Malta
Employers Association

# Dr Paul Debattista

L-ewwel nett bħala employers qed nitkellmu fuq żewġ issues, fuq persuni b'diżabilità li jidħlu fuq il-post tax-xogħol, għadhom ma bdewx jaħdmu għaliex irrid ngħid li bħalha employers għandna nies b'diżabilità li jkunu diġà bdew jaħdmu u wara xi korriment, kemm fuq il-post tax-xogħol u kemm barra, u nintegrawhom u nbidlulhom l-job tagħhom ħalli jibqgħu jaħdmu fejn qegħdin jaħdmu.

**U** l-istess meta semmejna l-immigranti qed nitkellmu fuq ir-refuġjati għax bħalissa f'Malta hawn ħafna barranin li m'humiex immigranti, li m'humiex refuġjati, li però qegħdin Malta, u qegħdin jaħdmu regolari, u naħseb għalhekk is-sebgħin persuna li ssemmiet huma forsi mir-refuġjati però nassigurakom li hawn ħafna u ħafna iktar li qegħdin jaħdmu u li huma barranin.

Irrid ngħid ukoll li rridu nibnu bażi soda qabel ma' dawn in-nies jidħlu fuq il-post tax-xogħol. Ma nistgħux nippretendu li min iħaddem ħa jsolvi l-problemi kollha. U rridu nibdew mill-iskejjel; l-Istatistika nazzjonali diġà turi li dawk li m'għandhomx diżabilità isibuha diffiċli biex isibu post diċenti biex jaħdmu jekk ma jkollhomx edukazzjoni tajba. Issa dan l-aħħar smajt li minn xi survey li sar, xi 30% biss tan-nies b'diżabilità spiċċaw l-iskola sekondarja. U hawnhekk naħseb li hemm bżonn li nagħmlu aktar sforz biex dawn il-persuni nagħtuhom edukazzjoni mhux biss sekondarja, imma jekk jista' jkun ukoll edukazzjoni terzjarja, u li wkoll ikollna guidance għal dawn in-nies. Huwa importanti li hawnhekk ikollna nies ittrenjati ħalli lil dawn il-persuni nindirizzawhom f'jobs 'il quddiem li jistgħu jintegraw irwieħhom. Naf li diġà għandna problema ta' guidance teachers għal studenti in ġenerali, però jekk irridu nibdew nindirizzaw din il-problema almenu niffukaw fuqha u nġibu nies ittrenjati biex lil dawn in-nies ngħidulhom eżatt fejn iridu jintegraw ruħhom.

Importanti wkoll li jibqgħu fl-iskejjel ġenerali għax tkun qed isservi minn żewġ aspetti; aħna mhux biss il-persuna b'diżabilità trid tintegra ruħha fuq il-post tax-xogħol, però aħna rridu naċċettaw ukoll li nitgħallmu kif nintegraw ruħna mal-persuni b'diżabilità; it's two way. U jekk fl-iskejjel tagħna dawn il-persuni jibdew jintegraw ruħhom ta' età żgħira tkun faċli għalihom li meta jidħlu fuq il-post tax-xogħol isibu l-għajnuna meħtieġa mhux biss bil-facilitators li l-Gvern qed

jintroduċi imma anki mill-impjegati normali li jkunu qegħdin jaħdmu f'dawn il-postijiet tax-xogħol. Hija mossa tajba ħafna li l-Gvern qed jintroduci dawn l-għajnuniet għax żgur ħa tkun qed tgħin lil min iħaddem li jitħajjar iktar jintegra u jħaddem iktar nies b'diżabilità.

Irridu nżommu f'moħħna li din hija importanti li nies b'diżabilità jagħmlu xogħol normali għal żewġ aspetti: waħda ma jibqgħux piż fuq il-pajjiż, anzi jkunu net contributors għax la qegħdin jaħdmu qed iħallsu l-bolla, qed iħallsu t-taxxa, u jħossuhom nies umani. Kif xi ħadd semma' fil-bidu, aħna ma rridux nidhru li qed nagħmlu karità imma x-xogħol huwa d-dritt ta' kulħadd u l-Gvern għandu jħares lejn dawn in-nies li jistgħu jagħtu kontribut siewi għas-soċjetà kollha.

Nirringrazzjakom.

Segretarju Ġenerali,
General Workers Union

# Is-Sur Tony Zarb

L-ewwel nett nixtiequ nirringrazzjaw lil organizzaturi talli qed jagħtuna din l-opportunità llum, fuq suġġett hekk importanti, anki għalina bħala trade union, meta qed nitkellmu fuq id-diskriminazzjoni.

Tajjeb li nfakkar li għall-GWU dan is-suġġett ilu sa mit-twaqqif tagħha importanti. Infatti ftit snin wara t-twaqqif tal-GWU, iktar minn 50 sena ilu, f'dan iż-żmien kienu ġew impjegati l-ewwel ħaddiema nisa mal-GWU, u proprju l-GWU kienet l-ewwel waħda f'Malta li bdiet tagħti l-istess kundizzjonijiet ta' xogħol, inkluż il-paga, l-istess bħal ħaddiema rġiel. Wara dan, bil-ħidma tal-GWU, illi bdejna meta niddiskutu ftehim kollettiv, wieħed wara l-ieħor, bdejna ndaħħlu klawsoli li m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni bejn is-sessi. Tajjeb ngħidu ukoll, li għax aħna nemmnu fihom dawn l-affarijiet, m'għandux ikun hemm l-ebda mod ta' diskriminazzjoni fuq il-postijiet tax-xogħol; la minħabba twemmin, la minħabba reliġjon, la orjentazzjoni sesswali, wisq inqas minħabba diżabilità kif ukoll minħabba r-razez.

U hawnhekk xtaqt nqajjem punt dwar dawn in-nies barranin, illi jaħdmu f'pajjiżna, jaħdmu bil-ktieb tax-xogħol, bid-dritt tax-xogħol (referenza għar-refuġjati).

Pubblikament nistaqsi illi f'pajjiżna ma' dawn in-nies qed ikun hawn diskriminazzjoni qawwija. Infakkar li ftit tal-ġimgħat ilu, fil-gazzetti lokali, kif żewġ ħaddiema ta' razza mhux Maltija, għax marru jitolbu l-paga tagħhom minn għand min ħaddimhom, ġew imsawta, saħansitra kellhom punti f'rashom għax marru jitolbu l-paga għax-xogħol li għamlu. U għadna nistennew sa llum, jew għadna ma ġejniex infurmati illi min għamel dan l-att jittella' l-Qorti biex jieħu dak li ħaqqu. Aħna ħa nkomplu nitkellmu fuqu dan il-każ, anki tkellimna ma' Fr Pierre fuqu, għax il-GWU trid li min għamel dan l-att, din id-diskriminazzjoni, jieħu dak li ħaqqu. U aħna ħa nkomplu nsostnu fuq dawn l-affarijiet. Akkost li aħna, bħala uffiċjali tal-GWU, meta nitkellmu fuq dan is-suġġett, ħajjitna ma tibqax l-istess, ma tibqax l-istess għall-fatt li t-theddid li jibda ġej fuqna huwa inkredibbli. Però dan it-theddid mhux ħa jaqtgħalna qalbna għax aħna ma nistgħux naċċettaw din id-diskriminazzjoni.

Is-suġġett ta' dan is-seminar qed jittratta d-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea dwar it-trattament indaqs fl-impjiegi bil-għan li jkun hemm opportunitajiet ugwali ta' xogħol l-istess għal kulħadd. Aħna nemmnu li din id-Direttiva tagħti opportunitajiet lil kulħadd, opportunità ta' aċċessibilità fiżika għal kulħadd. Id-Direttiva tinstiga wkoll lil min iħaddem li għandu jieħu dawk il-miżuri adattati biex jassigura li persuni b'diżabilità igawdu mill-istess provedimenti ta' l-istess Direttiva.

Madanakollu wieħed ma jistax ma jinnutax li fid-Direttiva tgħid li dan isir kollu sakemm il-piż proporzjonat ma jkunx fuq min iħaddem; u ma titkellimx kemm dan il-piż għandu jkun. Sfortunatament fil-ħidma tagħna niltaqgħu ma' ħaddiema li jiġu diskriminati, diskriminati anki mill-att ta' persuni b'diżabilità. Ikollna wkoll, biex inkun fair ma' min iħaddem, ħafna u ħafna każi li jissolvew b'diskussjoni bejnietna. Ikollna każi wkoll fejn min iħaddem jifhem il-pożizzjoni li nieħdu bħala Union u jara kif jagħmel biex jirranġa s-sitwazzjoni. Però għad hemm ħafna affarijiet li għad iridu jsiru f'pajjiżna ħalli dawn l-affarijiet jiġu rranġati, u jiena ngħid li mhux biss ikollna l-liġijiet, huwa tajjeb li jkollna l-liġijiet, għax dawn jidderieġu għal punti li titkellem fuqhom il-liġi, però importanti li dawk il-liġijiet jiġu attwati. F'pajjiżna kien hawn liġi li tgħidlek kemm għandek tħaddem persuni b'diżabilità jiddependi skond kemm għandek ħaddiema jaħdmu miegħek, u jiena ngħid li din il-parti tal-liġi ftit li xejn qiegħda taħdem. U naħseb li l-GWU flimkien mal-unions l-oħra, nibqgħu nsostnu fuq din il-parti tal-liġi.

Jiena nixtieq nagħlaq billi ngħid li l-bini tal-GWU huwa aċċessibli għal kulħadd, nistiednu persuni b'diżabilità biex jiġu fil-bini tagħna biex jiġu jaraw il-wirjiet ta' l-arti, biex jiġu jaraw il-mużew tal-ħaddiema, u tajjeb ngħid ukoll li l-mużew huwa aċċessibbli għal persuni neqsin mid-dawl, kif ukoll tgawdu xi rappreżentazzjoni li ssir fil-bini tagħna. Però ta' min jgħid ukoll li kull wieħed u waħda minnkom intom welcome għall-call business tagħna, li huwa t-trejdunjoniżmu. Aħna nemmnu li m'għandux ikun hawn diskriminazzjoni, speċjalment fuq persuni b'diżabilità li għandhom ikollhom drittijiet qabel kull ħniena.

Xtaqt nagħlaq billi nawgura l-festi t-tajba u sena mimlija ġid lil kulħadd.

Grazzi.

Direttur Ġenerali,
Federazzjoni ta' l-Industrija

# Is-Sur Edwin Callejja

Nirringrazzjakom ħafna. Ftit diffiċli li wara panel ta' trejdjunjonisti u employers, anki mis-settur pubbliku, nitrattaw dan is-suġġett minn ħafna angoli li tkun innovattiv, però ħa nipprova; skużawni jekk ikun hemm xi ftit overlap imma jekk il-problemi qed narawhom b'lenti kultant konverġenti iktar tajjeb għaliex aktar hemm ċans li nsibu s-soluzzjonijiet.

Id-Direttiva tal-Kunsill tal-Ministri tas-27 ta' Novembru, 2000, kienet tipprovdi qafas għat-trattament ugwali fil-qasam tax-xogħol b'enfażi kontinwu dwar persuni b'diżabilità u l-att, bħalma semma' Dr. Vella, l-att dwar l-impjiegi jirrifletti dawn il-prinċipji elenkati fid-Direttiva. Qabel dan, l-unjoni fi Brussels tal-Federazzjoni ta' Min Iħaddem, magħrufa bħala UNICE, li tagħha l-Federazzjoni tagħna hi membru sħiħ, kienet sa mill-1997, taħdem flimkien mal-moviment trejdunjonistiku fi Brussels, illi jgħaqqad it-trade unions ta' l-Ewropa, l-ETUC, u oħrajn, fi sforz biex il-persuni b'diżabilità jiġu integrati fid-dinja tax-xogħol.

Bir-riċerka li saret u bil-kollaborazzjoni ta' msieħba soċjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea, waslu dawn il-partijiet fil-konklużżjoni li hemm ħames fatturi biex il-persuni b'diżabilità jsibu impjieg. Ilkoll nemmnu, kemm aħna u kemm it-trade unions, li m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni u li t-triq li għandna nsegwu għandha tkun it-triq ta' impjieg ta' nies b'diżabilità. It-tieni nfittxu l-abilità li persuna jista' jkollha u mhux id-diżabilità. Il-persuni għandhom jintgħażlu skond l-abiltajiet u l-kompetenzi tagħhom, imma l-intrapriża l-qofol għaliha huwa li tikkompeti u li tfittex il-kompetenzi ta' l-impjegati tagħha u tagħmel mill-aħjar biex tiżviluppahom. It-tielet: il-prattiċi tajba ta' impjieg jistgħu jikkontribwixxu għas-suċċess ekonomiku ta' kumpanija, min iħaddem għandu jkun aktar konxju u jifhem aktar x'inhi d-diżabilità u b'hekk jista' jiżviluppa riżorsi fil-kumpanija li forsi kienu hemm moħbija, u anki biex il-kumpanija tkun aktar armata biex taqdi l-bżonnijiet ta' ħaddiem b'diżabilità. Dan iwassal biex jagħti valur miżjud aktar minn dawk il-ħaddiema impjegati b'diżabilità. Ir-raba': għandhom jinstabu soluzzjonijiet differenti għal bżonnijiet speċifiċi ta' kull ħaddiem li għandu diżabilità. U l-ħames: għandhom jidħlu fi sforz kollettiv dawk l-interessi kollha li jridu jgħinu u li għandhom interess li l-persuni b'diżabilità jiġu integrati.

Mhux faċli li nirnexxu f'dawn l-għanijiet; ma rridux ninsew li l-persuni b'diżabilità għandhom żvantaġġi oħra barra d-diżabilità. Isibu ostakli mhux biss fis-suq tax-xogħol; il-problemi jibdew fil-qasam edukattiv, opportunità ta' taħriġ u fil-faċilità li toffri għalihom is-soċjetà. Hawnhekk xtaqt nuri l-apprezzament tiegħi lill-ETC, lill-Gvern, u lill-NGOs, għall- isforzi li qegħdin isiru, però hemm bżonn niftakru li persuni b'diżabilità huma xi prodott ta' soċjetà li taddotta attitudnijiet u li tħaddan ambjent li mhux dejjem u konsistentement jieħu konsiderazzjoni l-bżonnijiet speċjali tagħhom.

Jidher biċ-ċar li hemm nuqqas ta' informazzjoni u r-rwol u l-esperjenza ta' intrapriżi żgħar dwar l-impjieg ta' persuni b'diżabilità. L-intrapriżi tagħna huma fil-maġġoranza kbira tagħhom żgħar ħafna fid-daqs u m'għandhomx il-qafas ta' management u riżorsi li jistgħu jieħdu ħsieb it-taħriġ tal-ħaddiema huma, kemm dawk li m'għandhomx dawn il-bżonnijiet speċjali u anqas u anqas l-intrapriżi, ħafna drabi, jiġu akkużati mingħajr raġuni valida u b'nuqqas ta' apprezzament tal-qagħda żgħira tagħhom. La l-inċentivi finanzjarji, la l-impożizzjonijiet tal-liġi, u anqas u anqas il-kwoti imposti mil-liġi fuq impjiegi ta' persuni b'diżabilità mhu se jsolvu l-problema bis-serjetà.

Li timponi l-liġi bl-aħrax mhux se ġġib ir-riżultati li jagħtu d-dinjità lil persuna b'diżabilità. Jien nemmen fil-bżonn ta' kampanji sostnuti, ta' tibdil fil-kultura, li jibda mid-dar, mis-settur edukattiv, jinfirex fit-taħriġ, ħalli nieħdu l-attitudni li persuna b'diżabilità tixraq f'soċjetà bħalma hi tagħna. Huwa importanti r-rwol ta' aġenziji li jidħlu bejn min qiegħed iħaddem u persuni b'diżabilità biex ikun hemm promozzjoni ta' kuxjenza pożittiva dwar dawn il-persuni u biex ikunu jistgħu jipprovdulhom taħriġ u jagħmlulhom kuraġġ.

Ħadt pjaċir nisma' fuq il-koperazzjoni bejn l-ETC, l-Eden Foundation, ir-Richmond Foundation li jipprovdu bidu tajjeb. Kull każ huwa għalih u jrid konsiderazzjoni individwali u soluzzjonijiet personali. L-aġenziji li jidħlu biex jagħmlu dan iridu jkunu ppreparati, b'persuni kapaċi, ħalli jsibu t-triq ħalli persuna b'diżabilità tkun aċċettata f'dak il-qasam tax-xogħol li jkun adattat għal dik il-persuna speċifikata.

Bħala konklużjoni nappella, anki lil min iħaddem, il-Unions, il-Gvern, l-edukaturi, l-għaqdiet volontarji, u anki l-ETC, sabiex ifasslu strateġija bbażata fuq ir-realtà ta' pajjiżna, il-limitazzjoni tal-fondi, l-opportunitajiet, u saħansitra ta' nuqqas ta' esperjenza ta' pajjiżi fejn daħlu sistemi b'suċċess li bihom jintegraw lil persuni b'diżabilità fid-dinja tax-xogħol. Ejjew ma noqogħdux naħsbu biss fit-teoriji u naħsbu biss biex inqallgħu flus lil avukati b'kawżi bejn employer u trade unions, jew għaqdiet volontarji, jew il-Gvern, għaliex m'aħniex se nsolvu l-problemi billi nimponu l-liġi li tobbliga lil min iħaddem li jkollu 2% tal-ħaddiema tiegħu u dejjem nirrepetu l-prinċipji tad-diskriminazzjoni. L-Ingliżi u pajjiżi oħrajn neħħew il-klawsola tal-kwota. Hemm ħafna x'jista' jsir biex jiġi żviluppat r-

rwol ta' l-NGOs li jafu l-problemi ta' persuni b'diżabilità bl-għajnuna ta' l-ETC huma għandhom jidħlu bħala intermedjarji, ħafna iktar milli qegħdin bħalissa u jifhmu eżatt x'jista' jsofri min iħaddem ukoll barra l-persuna li tfittex x-xogħol u jressqu lill-employer lejn dak li għalkemm għandu bżonnijiet speċjali jista' jaqdi d-dmirijiet tal-post tax-xogħol partikulari.

Hemm bżonn ta' sinċerità u professjonalità, għarfien preċiz kif jersqu lejn xulxin l-interessi ta' naħa u l-possibiltajiet tan-naħa l-oħra. B'rieda tajba, paċenzja, u billi naddottaw għal bżonnijiet partikolari ta' Malta dawk is-sistemi li f'pajjiżi oħra kellhom suċċess kif nistgħu nirnexxu aħna wkoll.

Grazzi.

Esperjenzi minn persuni differenti

# Is-Sur Tesfamichael Beraki Mekonnen

Nixtieq nitkellem dwar il-problemi li l-immigranti jsibu f'Malta. In-nies b'kulturi differenti li jgħixu f'Malta, l-iktar dawk li għexu hawn għal tul ta' snin, qed jaraw żieda fl-ostilita lejhom mill-popolazzjoni lokali fix-xhur riċenti.

Din hi minħabba numru ta' fatturi, ngħidu aħna l-mod kif l-immigranti u r-rifuġjati jiġu ppreżentati fil-media toħloq biża' fl-imħuħ tal-Maltin.

Kummenti bħal "Qed niġu invaduti", "Jistgħu jkunu morda, kriminali u terroristi", "Aħna qed niġu mqarrqin", "Se jbiddlu l-kultura tagħna" u "Se jieħdu x-xogħol tagħna" huma komuni fil-media, kif ukoll fil-politika u awtoritajiet oħra.

L-użu tal-liġijiet bħal detenzjoni jservi biex jagħmlu lill-immigranti jidhru bħala kriminali f'għajnejn in-nies.

Illum l-immigranti jinżammu għal tul ta' żmien iżjed minn nies li nstabu ħatja li għamlu offiżi kriminali, għal tmintax il-xahar f'ħafna mill-każi. Jekk ikollhom bżonn imorru l-isptar huma jkunu akkumpanjati b'militari jew uffiċjali tal-pulizija. Il-Maltin jikkonkludu li l-immigranti huma nies ħżiena jew ta' periklu.

Dawn il-fatturi jwasslu f'żieda ta' esklużjoni ta' immigranti mis-soċjetà Maltija, u iżjed ostilità lejhom.

Hu utli li niddefinixxu fuq min qed nitkellmu: nies li huma ta' razza differenti u ankè ta' twemmin differenti. Inklużi f'dawn il-kategoriji hemm:

- Nies li għandhom nazzjonalità Maltija wara li żżewġu sieħeb/a Maltija, jew nies li twieldu Malta minn ġenituri barranin qabel ma nbidlet il-liġi nazzjonali ta' Malta.
- Nies b'nazzjonalità barranija li qegħdin Malta biex jaħdmu jew jistudjaw, jew nies b'nazzjonalità barranija li qed iffitxu kenn Malta (Il-Protezzjoni tar-Refuġjati).
- L-immigranti li ġew aċċettati li jgħixu f'Malta, ingħataw viża, mingħajr status f'Malta. Dan jinkludi immigranti meħlusin wara 18-il xahar maqfulin, u immigranti oħrajn li ingħataw viża biex jgħixu Malta.

Minn dak li għandu x'jaqsam ma' xogħol, huwa ċar li d-dritt li taħdem f'Malta jiddependi fuq l-Istatus legali tiegħek. Per eżempju l-Maltin, hi x'inhi l-oriġini etnika tagħhom, għandhom id-dritt li jaħdmu f'Malta. Nies b'nazzjonalità barranija, għandhom id-dritt li jaħdmu f'Malta jekk min iħaddem għandu l-permess li jħaddimhom għal ċertu xogħol.

Permessi tax-xogħol f'Malta jingħataw meta x-xogħol vakanti jrid għarfien li m'hawnx fid-dinja tax-xogħol lokali. Ir-refuġjati jingħataw permess ta' xogħol f'Malta u nies protetti jingħataw permess ta' xogħol bħala politika tal-Gvern mhux bħala dritt. Immigranti mingħajr status ankè jekk għandhom viża, ma jistgħux jaħdmu legalment f'Malta.

L-immigranti f'Malta għandhom xogħol fis-settur tal-kostruzzjoni jew l-agrikoltura, ankè meta huma edukati. Ix-xogħlijiet ma jirrikjedux snajja partikolari, u huma xogħlijiet b'sigħat twal u pagi baxxi, inqas mill-paga minima. L-immigranti biss jistgħu jagħmlu dawn ix-xogħlijiet. F'ħafna każi, ankè jekk l-immigranti qegħdin Malta legalment, u ma jistgħux iġibu permess ta' xogħol, huma mħaddmin mingħajr permess u huma barra mill-protezzjoni tal-Liġijiet dwar ix-Xogħol u dwar is-Sigurtà Soċjali. Hemm employers li jabbużaw: per eżempju, min iħaddem iħallas inqas milli kien ftiehem qabel. Dan hu każ ċar ta' diskriminazzjoni.

Esperjenzi minn persuni differenti

# Is-Sinj. Carol Galea

Bismillah er-Rahmen er-Rahim: Sur Chairman/ Chairwoman, Sinjuri, l-aktar dritt uman bażiku hu d-dritt li titkellem għall-valuri tiegħek. Dan għandu jwassal biex l-opinjonijiet tiegħek ikunu mismugħa u rrispettati.

F'pajjiż demokratiku bħal tagħna, aħna naraw il-proċess demokratiku bħala mod infallibbli kif teleġġi lil min imexxi l-pajjiż. Imma l-proċess demokratiku għandu tendenza li jinjora l-gruppi ta' minoranza għas-sempliċi raġuni li dawn ma jistgħux ibiddlu riżultat ta' elezzjoni. Fis-sistema demokratika, dawk li jgħoddu huma l-maġġoranza u dan jista' iwassal għal inġustizzji - il-politiċi tagħna, għalhekk, għandhom ikunu sensittivi għall-gruppi ta' minoranza fis-soċjetà u jagħtuhom l-importanza li jixirqilhom, ankè jekk mhux se jeffettwaw ir-riżultat ta' elezzjoni fil-futur. B'hekk ikunu qed jirranġaw l-uniku difett f'sistema li altrimenti hi ġusta.

Dritt uman fundamentali ieħor hu li tirrispetta d-differenzi sakemm dawn ma jkunux ta' ħsara għalik jew għal ħaddieħor. Però, id-drittijiet umani m'għandhomx jiġu qabel il-Liġi ta' Alla u jekk azzjoni hi mwaqqfa jew issir illegali, dan m'għandux jiġi meqjus bħalha ksur tad-drittijiet umani. Għall-kuntrarju, xi ħaġa li hi ta' ħsara għall-individwu li jipprattikaha u għal dawk ta' madwaru għandha titwaqqaf. Is-soċjetà ma tridx tapprova minn dak li hu ta' ħsara bl-iskuża tad-drittijiet umani. Jekk tagħmel hekk, tkun qed tissogra li tiddiżintegra.

Sabiex  tkun effettiva, l-Unjoni Ewropea trid tkun soda fit-twemmin tagħha. Ma tistax tgħid ħaġa minn naħa, imbagħad min-naħa l-oħra ma tagħtix każ ta' dak li qed jiġri. Il-liġi ġdida fi Franza kkawżat vjolazzjoni vulgari tad-drittijet umani taċ-ċittadini Musulmani, u l-fatt li l-Unjoni Ewropea ma tatx każ ta' dan ifisser li ħalliet li din il-vjolazzjoni sseħħ. It-Turkija ma taċċettax li l-Musulmani jiddikjaraw li huma Musulmani u jilbsu x-xalla Musulmana, il-ħiġab, għax-xogħol u fi skejjel pubbliċi. Franza, minflok ma wriet lit-Turkija li għandha liġijiet aktar suprejuri u ġusti għaċ-ċittadini tagħha, ħadet l-eżempju ta' dan il-pajjiż u għamlet liġi bħal tiegħu. Minflok ma l-Unjoni Ewropea qed tagħmel standards għall-

membri tagħha, qed jiġri bil-kontra: pajjiżi individwali qed jiksru d-drittijiet umani, jippretendu li dan mhux qed jiġri, u l-Unjoni Ewropea qed temminhom. L-Unjoni għandha tkun aktar b'saħħitha u aktar leali lejn il-prinċipji tagħha. Dawn it-tip ta' vjolazzjonijiet trid twaqqafhom u ma tħallihomx jiġru. Jien semmejt vjolazzjoni kif teffettwa lill-Musulmani biss. Għal Musulman, l-obbligazzjoni li tilbes il-ħiġab hi serja ħafna - b'hekk mara li ma titħallhiex tilbsu qed tiġi mġiegħla tagħmel dnub. Ir-reliġjonijiet l-oħra mhumiex daqshekk effettwati minn din il-liġi għax il-kappa tal-Lhud u l-kurċifiss Nisrani mhumiex milbusa bħala obbligazzjoni. Però, bħalna, dawn isofru minħabba din il-liġi u jistennew aħjar minn pajjiż li jgħid li hu ċivilizzat u demokratiku.

L-Unjoni Ewropea għadha kemm ħarġet abbozz tal-Kostituzzjoni tagħha. Jien nistħi ngħid li din il-Kostituzzjoni, li nkitbet minn maġġoranza ta' politiċi li huma Nsara, m'għandha l-ebda referenza għal Alla. Li kieku kienet kostituzzjoni komunista, dan kont naċċettah. Imma f'sistema demokratika, jien insostni li għandu jkun hemm referenza għal Alla. Huma l-biża' ta' u l-imħabba lejn Alla li jżommu l-bniedem milli jagħmel dak li hu ħażin. Ir-reliġjonijiet kollha, meta jkunu segwiti b'mod onest, imexxu lin-nies tagħhom biex jirrispettaw u jipproteġu d-drittiijiet ta' persuni oħra u jkunu l-mekkaniżmu li bih tinbena soċjetà ġusta. L-Unjoni Ewropea tgħid li għandha prinċipji tajba, li nistgħu narawhom bħalha l-vapur, imma qed tarmi t-tmun, jiġifieri l-kunċett ta' Alla f'ħajjitna.

Biex id-drittijiet umani jkunu rispettati fis-soċjetà, din l-istess soċjetà trid tkun edukata biex tirrispetta d-differenza. Irridu nibdew mill-politiku, min għandu business li rnexxa u n-nies in ġenerali li jridu jkunu involuti fi djalogu kontinwu u kostruttiv li jkun immexxi b'rispett u sens ta' ugwaljanza. Min iħossu superjuri, fuq livell ekonomiku, soċjali jew morali, ikun qed ikisser kull sforz biex insiru nafu lil xulxin aħjar. Id-drittijiet umani jridu jkunu miktuba fuq karta, imma mod effettiv kif tiżgura li mhux se jkunu miksura hu billi n-nies jiġu edukati biex isiru jafu aktar dwar gruppi oħra fis-soċjetà sabiex jifhmuhom u ma jibżgħux minnhom. Id-djalogu jrid ikun proċess kontinwu li fih kulħadd hu lest li jisma', jitgħallem u jgħallem. Dan għandu jwitti t-triq għal integrazzjoni aħjar għall-grupp ta' minoranza fis-soċjetà in ġenerali.

L-edukazzjoni hi fattur kruċjali fil-bini tal-kunċett ta' ugwaljanza u fairness f'soċjetà. L-istudenti tagħna jridu jiġu mgħallma biex jaċċettaw id-diversità ta' madwarhom, jitgħallmu minn dawk li huma differenti minnhom, u ma jwarrbux lil dawk li għandhom twemmin differenti, kulur tal-ġilda differenti, diżabilità jew differenzi oħra. Jekk nedukaw lit-tfal tagħna minn età żgħira, dawn ikollhom moħħ miftuħ għad-differenza u l-futur tagħhom u ta' dawk li jgħixu magħhom ikun aktar rikk. Iżda hi s-sistema edukattiva li trid toħloq din il-possibiltà. L-injorant jibża' mid-diversità. Huma biss dawk li lesti li jitgħallmu li jistgħu jikbru permezz ta' għarfien dwar kulturi, twemmin u modi ta' għajxien oħra.

Diskriminazzjoni serja ħafna li kelli rapport dwarha ġiet minn kollegi tiegħi li qed jistudjaw fl-Università tagħna. Diversi studenti qalu li kienu ttrattati b'nuqqas ta' rispett mill-għalliema u mwaħħla fl-eżamijiet ankè meta kienu ċerti li marru tajjeb. Dan qed insemmih hawn għax għandu jiġi investigat b'mod serju. Jekk studenti Musulmani qed ibatu, dan għandu jieqaf minnufih. Din id-diskriminazzjoni trid tiġi indirizzata b'mod immedjat għaliex inkella dawn l-istudenti se jkunu mċaħħda milli jagħmlu suċċess f'ħajjithom. Nixtieq nipproponi mod kif l-attitudni tal-għalliema fl-Università tinbidel. Kif nagħmlu fil-kumpanija li jien naħdem fiha, għandu jkun hemm seminars kontinwi dwar l-importanza li n-nies ma jiġux ittrattati hekk, kif ukoll bord li jara li ma jkunx hemm imġiba bħal din, u jaġixxi fejn ikun hemm bżonn. Għalhekk, nappella lil dawk li jistgħu jġibu bidla, biex jiftakru u jieħdu azzjoni fejn din tkun iġġustifikata.

Fattur kruċjali ieħor f'soċjetà li hi fair u li tiżgura ġustizzja soċjali hi media li m'għadhiex bias. Mill-punto di vista Musulman, jien inħossni diżappuntata bir-rapportaġġ inġust kontinwu li nisma'. Nisma' dwar terroristi Musulmani li attakkaw l-armata tal-Istati Uniti fl-Iraq, għalkemm it-'terrorista' qiegħed f'pajjiżu u l-armata Amerikana qed tokkupa stat sovran. Nisma' dwar estremisti Iżlamiċi li attakkaw l-armata Iżraeljana ankè jekk kienu fil-Faxxa ta' Gaza, li suppost hi territorju Palestinjan. Ikolli nisma', bi frekwenza ta' brain-washing, dan il-kliem qawwi li jintuża biex jiddeskrivi nies differenti, min-nies li qed jiddefendu pajjiżhom, nies li qed jiġġieldu għad-dritt tal-ħajja, għal estremisti li huma Musulmani fl-isem biss u li jattakkaw popli innoċenti f'xi pajjiż fqir bħall-Indoneżja. In-nies jassumu li hemm ħaġa waħda komuni bejniethom: li huma Musulmani u qed jaġixxu b'imħabba lejn ir-reliġjon tagħhom, imma rari jkun il-każ li dan ikun minnu. Il-media għandha tiġi obbligata li twassal aħbarijiet li huma veri u onesti. Li xxandar aħbarijiet li mhumiex veri u li jkabbru l-problemi biex iżidu l-biża' fin-nies għandu jkun illegali.

Il-media għandha rwol importanti fil-kostruzzjoni ta' stampa tagħna l-Musulmani li tgħid lil min mhux Musulman biex joqgħod attent minna. Darba, fuq stazzjon tat-televiżjoni lokali, kelli noqgħod nara ġurnalist lokali jiddiskuti 't-terrur tal-Iżlam' filwaqt li kienu qed jintwerew immaġini ta' minaret ta' moskea bix-xemx nieżla warajha, nies jagħmlu t-talb tas-Salat u grupp ta' nisa Musulmani lebsin il-ħiġab u jitkellmu flimkien. X'messaġġ kien qed jagħti dan il-ġurnalista? Il-messaġġ kien: 'Dawn huma n-nies u l-postijiet li qed nirreferi għalihom'. Allura, min mhux Musulman jibża' minna u mir-reliġjon tagħna. U ftit minnhom jafu l-verità dwar l-Iżlam u għalhekk hu impossibli għall-maġġoranza li jittrattawna bħala nies bħal ħaddieħor. Huma jarawna xi ftit żbilanċjati minħabba li nemmnu f'reliġjon li huma jaraw bħala inġusta, vjolenti u li timponi ruħha fuq ħaddieħor.

L-Unjoni Ewropea għandha responsabilità għar-razziżmu u mibegħda li hi maħluqa mill-media u li nbatu minħabba fiha aħna l-Musulmani. Qed inpoġġi din ir-

responsabilità fuq spallejha għax hi qed tinjora l-problema. Tista' tagħmel ħafna iżjed biex tirbaħ dawn il-problemi imma ma jidhirx li qegħdin fuq l-aġenda tagħha. L-Unjoni Ewropea qed tikkonċentra bis-saħħa sabiex issir qawwa ekonomika. Biex ikun hemm unità jrid ikun hemm ġustizzja. Hi inġustizzja li tħalli lill-media titfa' dawl ikrah fuqna l-Musulmani bl-użu ta' frażijiet bħal 'terroriżmu Iżlamiku' għal dak kollu li jiġri f'pajjiżi Musulmani u kull ħaġa ħażina li tiġri li tista' tingħata din it-tikketta.

L-Unjoni Ewropea għandha d-dover li tiġġieled kontra l-inġustizzji, sew jekk dawn jitwettqu mill-Istat, mis-sinjuri, minn min għandu l-poter, jew minn nies komuni. Trid tpoġġi pressjoni ekonomika fuq dawk li jaġixxu kontra l-prinċipji tagħha, sew jekk huma Stati Membri u ankè jekk le. Inkella, ikun għalxejn li aħna nimponu standards għoljin fuq ħaddieħor u ma nimxux magħhom aħna stess, jew inkella napplikawhom biss fuq dawk li rridu nfixklu.

Bħala membru tal-Komunità Musulmana f'Malta, se nipprova nsemmi dawk li għandna bżonn aħna l-Musulmani sabiex inkunu aċċettati u ngħixu ħajja integrata fis-soċjetà ġenerali. Imma, qabel nibda, irrid insemmi li l-Iżlam jirrikonoxxi d-drittijiet umani fil-kuntest tal-Liġi ta' Alla, il-Kuran Imqaddes u t-tagħlim tal-Profeta (il-paċi u tberik ta' Alla jkunu fuqu). Fost affarijiet oħra, dan ifisser li l-perfezzjoni tinstab biss f'Alla l-Għaref, u aħna n-nies irridu nagħrfu u naċċettaw il-limitazzjonijiet tagħna filwaqt li nilqgħu tagħlim ġdid u naddattaw.

Meta tkun differenti minn sħabek tax-xogħol il-ħajja tkun iebsa. Bħala mara, jien nispikka minħabba l-ħwejjeġ li nilbes u dan joħloqli problemi kkawżati minn injoranza u inġustizzja. Jien naħdem f'bank internazzjonali li għandu ħafna esperjenza ta' kulturi differenti. Il-kumpanija għandha għarfien tajjeb tad-diversità reliġjuża u soċjali u l-bżonn li tirrispettahom biex ikun hemm relazzjonijiet tajba mal-ħaddiema u mal-klijenti. Hi qed tistabbilixxi standards f'Malta biex il-businesses tagħna jaraw mhux biss il-profitti imma wkoll li d-drittijiet tal-impjegati tagħhom li jkunu differenti ikunu magħrufa u protetti. Jien għandi xortija tajba imma xorta jkun hemm mumenti meta rrid naffaċċja kummenti razzisti, degradanti u injoranti.

F'Malta, għall-grazzja ta' Alla, qatt ma kellna vjolenza kontrina. Is-soċjetà qatt ma rriġettatna b'mod dirett. Iżda xi Maltin ma jilqgħuniex u hemm ħafna każijiet individwali li juru kemm il-Maltin iħarsu lejna b'mod żbaljat. Sfortunament, per eżempju, qatt ma rajt mara li tilbes il-ħiġab tapplika għal xogħol ma' kumpanija Maltija u tieħu dak ix-xogħol. Wieħed jista' jargumenta li dan jiġri minħabba li kandidati oħra kienu aktar ikkwalifikati minnha. Dan jista' jkun minnu. Imma jien naħseb, u din hi biss l-opinjoni tiegħi, li ħafna Maltin jibżgħu jħaddmu mara Musulmana sempliċement għax huma preġudikati u ma jridux jagħmlu dak l-isforz żejjed biex jegħlbu l-biża' tagħhom ta' dak li hu differenti u jagħmlu dak li hu ġust.

Ħbieb tiegħi li jaħdmu f'kumpaniji lokali żgħar jirrakkuntaw stejjer ħafna aktar koroh minn tiegħi u jiddependu minn kif is-superjuri tagħhom iħarsu lejn l-Iżlam u l-Musulmani. Jekk il-manager jew sid il-kumpanijia għandhom moħħhom miftuħ, ikunu jistgħu jilbsu l-ħiġab mingħajr wisq problemi u jkunu jistgħu jitolbu fuq il-post tax-xogħol. Imma l-liġi ma tipproteġihomx kontra l-inġustizzji. Hu dan li għandna bżonn - struttura legali li tagħti garanzija sempliċi u ċara li aħna għandna bżonnijiet speċjali, li ma aħniex ċittadini tat-tieni klassi, liġi li tgħid lil kulħadd li l-bżonnijiet speċjali tagħna jridu jiġu sodisfatti, u mhux injorati u mwarrba.

- Fil-Kalendarju Musulman hemm żewġ festi kbar. Dawn huma Għid ul-Fitr, li jiġi fl-aħħar tar-Ramadan, u Għid ul-Adha, l-ikbar festa tal-kalendarju kollu. Għandu jkollna d-dritt li dawn il-ġranet almenu noħduhom leave.
- Għandna bżonn id-dritt li nilbsu skond it-twemmin reliġjuż tagħna u nkunu rrispettati għalih.
- Id-dritt li nitolbu fuq il-post tax-xogħol.
- Id-dritt ta' kmamar għat-talb f'postijiet pubbliċi.
- Id-dritt li nattendu t-talb tal-ġimgħa fil-moskea lokali, u li nkunu skużati mix-xogħol waqt dan il-ħin.
- Id-dritt li studenti Musulmani jkollhom edukazzjoni reliġjuża minn kmieni fi skejjel pubbliċi
- Għandna bżonn id-dritt li nipproteġu lilna nfusna mid-diskriminazzjoni permezz tal-liġi sabiex ikun ċar li din l-istess liġi tipproteġi dawn id-drittijiet umani.
- Bidla kbira li hemm bżonn f'Malta hi li l-liġi tirrikonoxxi kuntratti taż-żwieġ Musulmani. Dan inaqqas ħafna inġustizzji u jagħti aktar protezzjoni speċjalment lin-nisa. Il-kuntratt taż-żwieġ jista' jinkorpora fih varjetà ta' obbligazzjonijiet miż-żewġ naħat u hu importanti li dawn l-obbligazzjonijiet ikunu rispettati, speċjalment meta jkun hemm l-isfortuna li ż-żwieġ jiddiżintegra.

In-nuqqas ta' dawn id-drittijiet u faċilitajiet hu kruċjali għalina peress li l-obbligazzjonijiet reliġjużi tagħna jinkudi li nitolbu ħames darbiet kuljum f'ħinijiet partikolari, nitolbu f'kongregazzjoni nhar ta' ġimgħa u li nilbsu l-ħiġab. Jekk ma nosservawx dawn l-obligazzjonjiet inkunu qed nagħmlu dnub. Għalhekk inkun qed nagħmel dnub kontra Alla jekk ma nitlobx ħames darbiet kuljum fil-ħin. Dan hu toqol kbir għalina l-Musulmani u m'għandniex inkunu sfurzati li nġorruh.

Bl-Ingliż hemm frażi addattata ħafna: 'agree to disagree', naqblu li ma naqblux. Dan id-dritt għandu jkun iggarantit għalina. Aħna, li aħna grupp ta' minoranza f'Malta, għandna d-dritt li nkunu differenti iżda xorta nibqgħu parti mis-soċjetà. Għandna bżonn inkunu differenti minn imma ugwali ma' kulħadd. Il-liġi trid tkun b'saħħitha għal min hu dgħajjef fis-soċjetà u l-Musulmani huma settur dgħajjef tas-soċjetà b'ħafna bżonnijiet li bħalissa mhux qed jiġu indirizzati.

Però kien hemm ukoll politku rispettat li ma setax isib sapport mill-kollegi tiegħu meta

rrifjuta li jiċħad il-valuri tiegħu meta ġie mistoqsi dwarhom. Is-Sur Buttiglione ġie mibdul wara li stqarr l-opinjoni tiegħu. Minflok ma ġie rispettat, hu tilef postu u x-xogħol tiegħu. L-Unjoni Ewropea u l-liġijiet tagħha kellhom jipproteġuh minn din l-inġustizzja u mhux jissaportjawha. Jekk l-Unjoni Ewropea tammetti li għamlet żball, tista' tirranġah. Imma jekk l-Unjoni Ewropea għadha ma aċċettatx li għamlet żball, x'ċans hemm li jiġi pprattikat dak li nixtiequ aħna? Jien nittama li qed inkun pessimista għalxejn, u nitlob li naraw il-ġustizzja pprattikata fl-Unjoni Ewropea, ġustizzja li ma toqgħodx tqis l-Istatus soċjali ta' dak li jkun.

Nispiċċa billi nirringrazzja lill-organizzaturi ta' din il-konferenza li stednuni u li qed jaħdmu biex aħna membri ta' minoranzi jkollna ċans insemmgħu leħinna. Nixtieq ngħid ukoll li, għalkemm l-Unjoni Ewropea mhix perfetta, il-kunċett hu tajjeb u, jekk Alla jrid, ikun possibbli. Jien nitlob li, bħalha membri Ewropej, nibqgħu magħqudin u naħdmu flimkien għall-ġid komuni. Nitlob li Alla jmexxina flimkien f'dan il-proġett biex jirrendi riżultati pożittivi għal futur aħjar li nistgħu naqsmuh flimkien.

Esperjenzi minn persuni differenti

# Is-Sinj. Doria Grixti

Qed nirrappreżenta l-minoranza ta' persuni b'orjentazzjoni sesswali differenti minn dak li jgħidulu normali, dan jinkludu lesbians, gays, bisexuals, u transexuals.

Nista' nibda minn esperjenzi li jittrattaw diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, u din tista' tinkludi wkoll l-orjentazzjoni sesswali. Waħda mill-esperjenzi, li hija personali, meta kelli sbatax-il sena, kont qiegħda nistaqsi fuq is-sesswalita' tiegħi u immedjatament ġejt imkeċċija, minħabba li jiena kont naħdem ġo skola u ħasbu li kont pedofila, li ma kienx il-każ. Esperjenzi oħra huma meta persuni ma jingħatawx promotions, fejn ikunu ilhom snin jagħmlu xogħolhom sew, u jidħlu nies ġodda u jieħdu l-promotions huma, u l-oħrajn jibqgħu l-istess, u wara ssir taf li jgħidulek li ta' l-inqas qiegħed taħdem. Ikunu ilhom ħafna jgħidu biex ikeċċuni, peròmeta nitkellmu fuq każ ta' raġel, għax forsi jkun effemminat u ma jogħġobhomx.  Fastidji bħal kliem żejjed, botti, fejn il-leżbjani jkunu daqsxejn maskili l-irġiel iħarsulhom b'ċertu mod, stediniet u ħafna minn dawn il-harassments, li ovvjament m'huwiex il-każ li jsir. Smajt każijiet ta' boys li huma femminili ma jagħtuhomx front office jobs, biex ma jidhrux f'isem il-kumpanija. Din id-diskriminazzjoni toħloq feelings daqsxejn koroh tipo inferjorità, tħares lejk innifsek negattivament, tendenza li takkumula stress peress li tkun ittrattat ħażin, toħloq ħafna low motivation, u ħafna drabi biża' li jkollok bżonn l-għajnuna. Bażikament dawn kollha huma l-feelings li jħoss dak li jkun diskriminat. Li ħa nistaqsi u nixtieq huwa rispett lejn il-persuna għaliex min ħa jiggwadanja minnha din? Jiena biss? ħa tiggwadanja s-soċjetà, min iħaddem, għaliex jekk bniedem ikun ferħan fuq il-post tax-xogħol il-produttività tiegħu ħa tkun aktar effiċjenti; ħa jkun aktar kuntent, ħa jkun bi tbissima, il-klijent ħa jkun ferħan jiġi għandek jerġa'; mhux ħa jaħsibha darbtejn biex jiġi jixtri minn għandek għax jaf li inti ferħan. Naf li hu sforz tal-biżgħat li aħna ntellgħu d-defences u ngħidu le; dik mhix il-kategorija tiegħi. Però naħseb li jekk inħarsu lejna nfusna, inħarsu ftit lejn il-mera, u nindunaw li kulħadd għandu tiegħu, ta' min jidher u ta' min ma jidhirx.

Bħala konklużżjoni ngħid li ħadd ma jagħmel xejn għal xejn; there is always a reason behind an action. Mela ejja nirrispettaw lil xulxin ħalli neliminaw id-diskriminazzjoni.

Grazzi.

Esperjenzi minn persuni differenti

# Is-Sinj. Marianne Debono

Insellmilkom. Illum l-10 ta' Diembru, 2004, ġurnata ddedikatha għad-drittijiet umani. Wieħed mill-aktar drittijiet umani importanti huwa d-dritt tax-xogħol.

Għalkemm uħud mill-kawżi li jikkawżaw id-diskriminazzjoni kontra minoranzi fis-soċjetà huma l-istess, hawnhekk se niffoka fuq persuni b'diżabilità. F'Malta liġijiet trattati mas-suġġett tal-lum għandna l-liġi tal-1969, magħrufa aħjar bħala tat-2%; imbagħad f'Ottubru 2000, għaddiet il-liġi Opportunitajiet Indaqs. F'Novembru ta' wara, l-Unjoni Ewropea għaddiet din id-Direttiva dwar ix-xogħol. Hemm ħafna aspetti komuni bejn il-Liġi Opportunitajiet Indaqs u d-Direttiva li qed nitkellmu fuqha llum. Se nsemmi xi uħud minnhom: it-tnejn huma msejħa fuq id-drittijiet umani; it-tnejn jagħtu d-dinjità lil persuni b'diżabilità; u għalhekk il-bdil minn oġġett dipendenti għal suġġett li jipparteċipa u jikkontribwixxi fis-soċjetà. It-tnejn huma msejħa fuq il-filosofija u l-approach soċjali tad-diżabilità; dan ifisser li jirrealizzaw l-ostakli li jeskludu l-persuni b'diżabilità milli jipparteċipaw fis-soċjetà huma riżultat ta' eżempji bħal nuqqas ta' transport aċċessibbli, il-mod kif nibnu, nuqqas ta' aċċess għas-servizzi, bħal komunikazzjoni, u l-attitudes żbaljati iktar mir-riżultat tad-diżabilità li wieħed jista' jkollu. Dan ifisser li l-ikbar ostakli huma maħluqa mis-soċjetà u għalhekk l-istess soċjetà tista' tneħħihom. It-tnejn jgħidu li diskriminazzjoni diretta, bħal per eżempju li tirrifjuta li timpjega lil xi ħadd li għandu diżabilità meta għandu l-kwalifiċi meħtieġa, jew diskriminazzjoni indiretta, bħal harassment fuq il-post tax-xogħol, bil-għan jew bl-effett li titkasbar id-dinjità tal-persuna, u jiġi kkreat ambjent li jintimida, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv, fuq il-post tax-xogħol.

Fit-taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs kellna lmenti informali bħal dawn kontra persuni b'diżabilità intellettwali iżda dan ma jfissirx li dan l-atteġġament ma jistax isir fuq persuni b'diżabilità li għandhom diżabiltajiet differenti. S'intendi qiegħed jiddiskrimina anki min jagħti xi istruzzjonijiet. It-tnejn ukoll japplikaw kemm għas-settur pubbliku kif ukoll għal dak

privat. Fit-tnejn ir-responsabilità taqa' fuq l-entità li qed tagħmel id-diskriminazzjoni. Fejn jidħlu eżenzjonijiet it-tnejn jikkunsidraw biss raġunijiet tekniċi jew finanzjarji; it-tnejn jirrikjedu enforcement mechanism. F'Malta r-regolatur huwa l-Kummissjoni. L-istorja turi li l-individwu ma jfendix f'ambjent iddominat minn min huwa soċjalment u ekonomikament b'saħħtu. Ukoll it-tnejn jirbħu fuq liġijiet u regolamenti eżistenti. It-tnejn jaqblu li hemm bżonn ta' training biex jiżdiedu l-employable skills u li hemm bżonn tittieħed azzjoni. Bdil f'policies, strutturi u programmi; il-bidu tal-proċess beda, però għad baqa' x'isir.

Ostakoli għad-dinja tax-Xogħol: Riċerka li għadha kemm ġiet ippublikata u li saret bejn il-Kummissjoni u l-NSO turi livell baxx ħafna ta' edukazzjoni li għandhom ħafna l-persuni b'diżabilità. Mingħajr edukazzjoni qed neqirdulhom ħajjithom għaliex l-edukazzjoni għandha rwol essenzjalissimu fil-ħajja ta' min qed ifittex ix-xogħol.

Aċċess għal informazzjoni: Mhux biss f'format differenti iżda tagħlim ta' kif u min fejn iġġib l-informazzjoni. Ostaklu kbir ieħor huma l-ideat żbaljati dwar persuni b'diżabilità. Naraw lil persuni b'diżabilità bħala pazjenti li jieħdu ħafna sick leave. L-Istatistika turi li dan mhux veru. Ħaġa oħra li wieħed irid jifhem li hemm diżabiltajiet differenti u gradi differenti ta' diżabilità. Wieħed irid jiftakar li l-Kummissjoni mhix biss regulatur tal-liġi imma wkoll tipprovdi informazzjoni dwar dan il-qasam.

Misconception oħra hija li naħsbu li l-akkomodazzjoni li hemm bżonn dejjem tiswa ħafna flus; ir-riċerka turi li dan mhux veru lanqas. Saru ħafna avvanzi fejn jidħlu l-computers u teknoloġija tal-komunikazzjoni; hawnhekk fejn għandu x'jaqsam ma' I.T., il-FITA tista' tgħin. L-attitudnijiet huma ostaklu ieħor.

Wieħed mill-għanijiet tad-Direttiva u tal-Liġi huwa illi nqisu lil persuni b'diżabilità minn oġġetti ta' karita' għal ċittadini sħaħ. Il-fatt li titħassar il-persuna u kultant titfgħalha ħuta mhux biżżejjed. Għinha titgħallem tistad ħalli tkun indipendenti. Dan jagħmel ukoll sens ekonomiku għaliex aktar persuni b'diżabilità jidħlu fid-dinja tax-xogħol; ma jibqgħux fuq il-welfare; jaqilgħu l-flus u jkollhom x'jonfqu u ovvjament iħallsu l-bolla. Il-karità ħafna drabi serqitilna d-dinjità u l-indipendenza tagħna.

Bla dubju l-media tista' tgħin ħafna; kitba bħal ma qrajt f'gazzetta lokali "On the occasion of Disability Day, which is celebrated on 3rd December, Malta seems to make the general public aware of the trials and tribulations encountered by disabled people during their every day life." Għal mument ħsibt li qegħdin fil-Ġimgħa l-Kbira mhux fil-Milied; dan fuq persuna li żżomm il-pinzell f'ħalqha biex tpinġi. Tistgħu tibqgħu ċerti li mhux din it-tpinġija qed toħloqilna l-ostakli anki fl-Ewropa u l-Amerika. L-approach għat-tkabbir ekonomiku jiġi qabel il-ġustizzja soċjali qed jinfirex. It-tkabbir ekonomiku mhux dejjem ifisser soċjetà b'saħħitha u lanqas bilfors jiggwadanja kulħadd minnu. Irridu

ninkoraġixxu lill-Gvern u lill-membri parlamentari Ewropej li jippromovu l-pjan strateġiku tal-Lisbon Agenda.

Wieħed jista' jara ħafna dokumenti dwar il-bżonn li nippromovu dan il-pjan; fosthom ir-rapport ta' Cooks, Chairman tal-High Group tal-Lisbon Strategy. Irridu nidentifikaw targets li rridu nilħqu, u mod effettiv li juri kemm intlaħqu. Per eżempju, riċerka li semmejt qabel, li l-Kummissjoni għadha kemm ippubblikat, u li għamlet ma' l-NSO, u statistiċi anki mill-ETC, juru li hemm numru kbir ta' persuni b'diżabilità bla xogħol meta mqabbel ma' persuni li m'għandhomx diżabilità. Jekk il-policy ta' l-Opportunitajiet Indaqs hija effettiva għandna nistennew li naraw bidla f'dan l-iżbilanc.

Id-diskriminazzjoni tiġi esperjenzata ta' kuljum mill-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità, li teffettwa l-aspetti differenti tal-ħajja. Liġijiet kontra d-diskriminazzjoni joħolqu opportunitajiet indaqs, a level playing field u mhux privileġġi; għalhekk huma drittijiet umani. Per eżempju persuna kwalifikata li tuża wheel chair jew għandha bżonn keyboard differenti minn dik komuni, għax għandha id waħda, jew twieldet hekk, jew għax korriet, ma taħsbux li hi diskriminazzjoni li ma tagħtihiex xogħol sempliċiment għax inti ppreġudikat u taħseb li din mhix kapaċi taħdem? Ma jagħmilx sens li twaqqaf diskriminazzjoni f'qasam u tippermetti disrkiminazzjoni f'qasam ieħor. Għalhekk nawgura li l-EU tagħmel kif qed tinsisti l-European Disability Forum u tgħaddi leġislazzjoni, anti-diskriminatorja komprensiva li twassal biex ma tibqax issir diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità fil-pajjiżi membri ta' l-EU. Għalkemm ir-responsabilità ġenerali biex jippromovu u jiddefendu d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità trid tibqa' ma l-awtoritajiet pubbliċi, il-kontribuzzjoni attiva minn entitajiet diversi hija meħtieġa; edukaturi, min iħaddem, trade unions, social workers, u stakeholders oħra li jipprovdu servizzi. B'sensittività u b'rispett bażiku lejn il-persuna kulħadd jista' jgħin biex dan l-għan jintlaħaq.

Grazzi

# Diskussjoni

**Anna Maria Laurenti**: psikologa, taħdem mar-Richmond Foundation.
Xtaqt nagħmel punt; ħadt gost ħafna llum nisma' l-esperjenzi tan-nies. Sfortunatament id-diskriminazzjoni ssibha kullimkien, kontra ħafna popolazzjonijiet differenti, u fl-aħħar mill-aħħar naħseb hija kwistjoni li rridu nbiddlu l-attitudnijiet tagħna u ninfetħu għad-differenzi u anzi niċċelebrawhom. Però popolazzjoni li llum għadha ma ssemmietx hija dik tan-nies b'mard mentali, bi problemi ta' saħħa mentali u nixtieq li almenu nkunu semmejniehom. Din hija popolazzjoni oħra li jiffaċċjaw ħafna u ħafna diskriminazzjoni; għal xi raġuni qisu nibżgħu minnhom, kważi kważi ngħidlek nibżgħu li nittieħdu; dawn huma nies bħali u bħalek, iħossu daqsi u daqshekk, u għandhom bżonn bħal kulħadd is-sapport u l-acceptance ta' kulħadd. Nixtieq li almenu nkunu semmejniehom illum. Grazzi.

**Joseph M. Camilleri**: xtaqt nagħmel intervent qasir. Nixtieq nassigura lis-sinjura li tkellmet illi l-persuni li għandhom problemi ta' saħħa mentali aħna ninkluduhom magħna bħala persuni b'diżabilità, kemm meta nagħmlu public awareness u kemm meta norganizzaw xi ħaġa. Jiġifieri kull min kien hawn, meta nitkellmu fuq diżabilità, qegħdin nitkellmu fuq kull żvantagg soċjali li huwa riżultat li s-soċjetà ma tagħtix każ xi forma ta' impairment. U s-saħħa mentali hija inkluża magħhom. Jiġifieri aħna konxji u  iva ninkluduhom ukoll. Però grazzi talli qajjimtha sinjura.

**Michael Micallef** (FITA): Jiena llum nħoss li ħafna mid-diskorsi li smajna ħafna mill-argumenti diġà konna smajniehom qabel jew inkella smajniehom spiss. Xi ħaġa li kont nistenna dalgħodu kien hawn rappreżentant ta' l-ETC, is-sur Felix Borg, u kont nistenna għall-inqas fejn jidħlu n-nies b'diżabilità x'tip ta' courses ġodda, x'tip ta' taħriġ ġdid qed jiġi ppreżentat lin-nies b'diżabilità. Jekk għadniex, per eżempju l-ETC, tippromovi l-istess, forsi, snajja antiki illi aħna n-nies b'diżabilità konna mdorrijin bihom sa llum. Kif kulħadd jaf id-dinja qiegħda tinbidel u ċerti tibdil iridu isiru. Biss bħalma l-businessmen biex jilħqu lix-xerrejja jagħmlu r-reklami fuq ir-radio, jiena naħseb li anki l-ETC iridu jilħqu lin-nies b'diżabilità fejn jidħol il-qasam tax-xogħol mhux biss permezz tar-radju u l-mezzi ta' komunikazzjoni, imma b'kull mezz ieħor possibbli; anki billi jagħmlu kuntatt forsi iktar regolari magħhom, speċjalment ma' dawk li sfortunatament qegħdin jirreġistraw għaliex ħafna drabi jew ma jkunux konxji ta' l-opportunitajiet li jkun hawn jew forsi mhux

kulħadd għandu l-kapaċità illi, fejn naf jiena, bħali jaqbad il-kompjuter, jaqbad l-internet, ifittex u jagħmel r-riċerka għal oqsma ġodda tax-xogħol. Grazzi.

**Tony Buttigieg** (Dipartiment tal-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali): Ilni 28 sena naħdem f'dan il-qasam. Xtaqt nagħmel żewġ kummenti; rigward il-liġi li qed tissejjaħ tat-2%, għalkemm m'hix veru li hi l-liġi tat-2%, din kienet il-liġi li wittiet it-triq lil persuni b'diżabilità fid-dinja tax-xogħol 35 sena ilu li fiha kien hemm ħafna affarijiet li għal dak iż-żmien kienu jidhru affarijiet li impossibbli li nattwawhom. Illum għaddejna dawn is-snin kollha, għalkemm hemm affarijiet li diġà għamilna, għad fadal ħafna x'isir, u dejjem hekk għedt, anki fl-1990, f'paper li kont ippreżentajt jiena personali, kont għedt li dan huwa l-bidu. It-triq hija twila, iebsa, u għandna naħdmu lkoll flimkien, ma nħarsux lejn l-uċuħ imma nħarsu lejn il-prodott li kull persuna għandu x'joffri lill-pajjiż. It-tieni ħaġa jiena llum l-ġurnata għandi saqajja f'postijiet differenti; fil-fatt qiegħed fil-bord ta' fejn noħorġu l-working permits. Nixtieq ngħid li l-work permit veru joħroġ imma għandna xi 2,800 li huma legalised work permit. Biss anki l-persuni li huma refugees dawn qed jingħatalhom ix-xogħol, xogħol adattat. Biss meta aħna naraw fuq xi gazzetta, bħalma fil-fatt rajna, b'nies li ġew sfruttati, ingħataw ukoll xi daqqiet u ttieħdu wkoll l-isptar, aħna żgur li ma niħdux pjaċir bihom dawn l-affarijiet. Għaldaqstant, sa llum il-ġurnata, għadna ma nafux liema hija din il-kumpanija. Jekk xi ħadd ikun jaf jinfurmana ħalli nkunu nistgħu nieħdu l-miżuri li hemm bżonn u niħduhom bis-serjetà. Aħna għandna stazzjon ta' l-ispettorat, li għalina kull persuna li qed taħdem minn dejjem kienet il-policy tagħna li għandhom ikollhom opportunitajiet indaqs, li l-kundizzjonijiet tax-xogħol għandhom ikunu għal kulħadd l-istess, hu min hu u hu fejn hu. Grazzi.

**Sandro Mangion** (Malta Gay Rights Movement): L-ewwel nett nixtieq nifraħ kemm lil K.N.P.D. kif ukoll lil Servizzi tal-Ġiżwiti mar-Rifuġjati, Malta ta' din l-attività, però mhux biss, imma ukoll tas-sensiela ta' attivitajiet li qed tagħmlu flimkien biex timmarkaw il-Jum Dinji tad-Drittijiet tal-Bniedem. Xtaqt nirringrazzjakom ukoll għax mentri kulħadd jiddefendi t-territorju tiegħu, ftaħtu d-diskussjoni għal minoranzi oħra u ta' dan nirringrazzjakom, anki f'isem is-sezzjoni tal-popolazzjoni, li huwa stmat li tlaħħaq bejn il-5% u l-10% li jirrappreżenta l-MGRM. Jiena wieħed minn dawk li nemmen li bil-liġi biss tista' tasal. Bil-frosta tista' tirbaħ però l-aħjar tirbaħ bil-qalb. Fil-fatt semmejna l-liġi tat-2%; ftit xhur ilu intervistajt uffiċjal ta' l-ETC, li huwa fis-Supported Employment Section u dan bl-iswed fuq l-abjad, għamilha ċara illi l-liġi mhix qed tiġi infurzata. Qalli wkoll li l-iskop tal-liġi kien aktar edukattiv milli li wieħed jinforza. U jiena naħseb li l-liġi x-xogħol tagħha huwa li tiġi infurzata. L-edukazzjoni tista' ssir on the side, però jekk hemm liġi, wieħed irid jara li tiġi infurzata. Fil-każ tad-Direttiva 20/78, dik li qed niddiskutu llum, jiena nixtieq ngħid li, sfortunatament, għaliex hawnhekk kellna r-rappreżentant tad-Dipartiment tax-Xogħol illi tkellem dwar

il-liġi u semma' wkoll iż-żewġ legal notices, għal min qagħad attent; u dawn jindikaw proprju kif il-Gvern kaxkar saqajh kemm felaħ biex jimplimenta din id-Direttiva f'Malta. U nista' ngħid li rrifjuta għall-bidu li jsemmi, per eżempju, it-terminu orjentazzjoni sesswali bħala wieħed mill-grounds illi ma tistax issir diskriminazzjoni fuqu hekk kif titlob id-Direttiva. Wara ħafna pressjoni min-naħa tagħna, fejn anki morna Brussels, fejn anki spiċċajna b'Verhuegen jibgħat ittra lill-Gvern Malti biex iwissih li jrid jimplimenta din id-Direttiva. Rajna l-ewwel legal notice f'Novembru 2003, u wara li bqajna ninsistu li d-Direttiva kienet għadha mhix transposed kif suppost, fit-3 ta' Novembru 2004, rega' ħareġ legal notice ieħor biex ikompli jimla t-toqob li kien hemm fl-implimentazzjoni adegwata ta' din id-Direttiva. Aħna xorta nibqgħu ngħidu li għad fadal postijiet fejn aħna għadna m'aħniex sodisfatti u nemmnu li din id-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea f'Malta għadha mhix implimentata fil-liġi industrijali tagħna b'mod adegwat. U wieħed jistaqsi għaliex il-Gvern flok qabad u fil-liġi industrijali implimenta d-Direttiva, ħa joqgħod jilgħab bil-legal notices waħda wara l-oħra. Aħna qed nistennew li l quddiem toħroġ it-tielet legal notice. Bħala konklużżjoni xtaqt ngħid illi minbarra li nistennew lill-Gvern jimplimenta d-Direttiva kif suppost, u li l-istakeholders, min iħaddem, il-unions, NGOs ikunu infurmati, inkomplu naħdmu fuq il-linja edukattiva. Diġà qed isir ħafna xogħol u nixtieq infaħħar lil dawk li f'Malta qed imexxu 'l quddiem il-kampanja ta' l-Unjoni Ewropea Diversity Against Discrimination immexxija minn Andrew Warrington u nittama li permezz ta' din il-kampanja jirnexxilna nlaqqgħu mhux biss il-kategoriji b'mod fantażma, jiġifieri l-omosesswali, il-persuni b'diżabilità, l-immigranti illegali, imma nsibu okkażżjonijiet kemm fil-komunità billi nużaw il-gruppi bażiċi, nużaw il-parroċċi tagħna, l-għaqdiet fl-irħula tagħna, u anki l-media ħalli nlaqqgħu l-individwi, lilna lkoll li qegħdin id-dar, fit-toroq, wiċċ imb'wiċċ ma' dawn il-persuni. Mela ma nibqax nitkellem fuq Musulmana Maltija, imma nitkellem fuq Carol; mela ma nitkellimx fuq persuna b'diżabilità imma nitkellem fuq Joe. Grazzi.

**Fr. Pierre Grech Margeurat**: Nixtieq nagħmel kumment fuq xi ħaġa li ssemmiet dalgħodu, li semmejtha jiena u semmiha Tony Zarb ukoll; il-kwistjoni ta' dawk is-Somali. Il-każ ġie mressaq il-Qorti, sfortunatament sirna nafu bih fl-għaxra ta' filgħodu li ħa jitressaq min għamel ir-reat fin-12.30pm, ipprovdejna avukat, sibna wieħed mill-avukati voluntiera tagħna, imma l-isfortuna hi li l-akkużat ġie akkużat b'xi ħaġa inqas minn dak li għamel. Weħel conditional discharge ta' tliet xhur, u lanqas ġie akkużat li għamel freġju gravi, kif fil-fatt kien għax qasamlu rasu u kellu sitt punti. Il-persuni li kienu qed jippruvaw jitilqu minn Malta, wieħed minnhom kien diġà telaq u l-ieħor kien ħa jitlaq fi żmien jumejn. Sfortunatament anki lilna, legalment, poġġiena f'sitwazzjoni xi ftit diffiċli biex ngħinuh. Jiena li żgur inwiegħed hu li każijiet bħal dawn nerġgħu nressquhom u ngħinuhom jieħdu azzjoni legali kif ukoll l-istakeholders kollha jridu jmexxu din il-ħaġa. Jiena mas-Sur Zarb tkellimna diġà, u

anki mal-UHM, dwar li jkun hawn sezzjoni għal dawn in-nies; sakemm dawn in-nies m'humiex difiżi min-naħa ta' l-istakeholders kollha, mhux ħa nagħmlu passi 'l quddiem sakemm ma npoġġux kollha rasna flimkien ħalli niddefendu l-ewwel nett dawn in-nies bħala ħaddiema. F'Malta għad hemm l-idea li min mhux ċittadin qisu m'għandux l-istess drittijiet. Naħseb irridu nibdew naħsbu l-ewwel li dawn huma ħaddiema daqs l-oħrajn. U għalhekk trid issir azzjoni mill-għaqdiet b'dan il-mod. Grazzi.

**Felix Borg**: Xtaqt nagħti xi ftit informazzjoni fuq xi diskorsi li ntqalu minn xi kelliema. Michael Micallef semma l-bżonn li l-ETC tirreklama iktar il-bżonn li persuni b'diżabilità jiġu integrati iżjed fil-qasam tax-xogħol u jingħataw id-dinjità li jixtiequ, mhux b'jaħasra imma bi dritt. Iva naħseb li nistgħu nagħmlu iktar u l-iskema li semmejt, li ħa tiġi mnedija f'Jannar 2005, ħa tagħtina din l-opportunità biex nagħmlu dan il-marketing waħidna, mal-Kummissjoni, u ma' min ikun hemm bżonn, biex nippromovu u nżidu n-numru ta' persuni b'diżabilità li jaħdmu fis-suq tax-xogħol Malti. Michael ukoll qal x'courses hemm għal persuni b'diżabilità. Il-courses kollha li toffri l-ETC huma teoretikament miftuħa però naf li fil-prattika mhix ir-realtà. Però jekk hemm xi suġġerimenti ta' taħriġ li jista' jsir għal persuni b'diżabilità jiena nassigurakom li jiena miftuħ għal kull suġġeriment possibbli. Però hawnhekk hemm bżonn li noqogħdu attenti għax l-esperjenza tagħna wrietna li jkun aħjar li persuna b'diżabilità tħarrġu mill-ewwel fil-post tax-xogħol fejn se jkun u mhux l-ewwel tħarrġu fiċ-ċentru ta' taħriġ tagħna f'Ħal Far imbagħad insibu diffikultà biex dan il-persuna jintegra u jittrasferixxi l-ħiliet fil-post tax-xogħol. Il-filosofija tagħna hi bbażata fuq l-esperjenza li ssiblu impjieg lil dak il-persuna imbagħad ħarrġu fil-post tax-xogħol. Dwar l-enforcemement tat-2%; huwa minnu li m'hijiex xi ħaġa li qegħdin ninfurzawha b'xi enfażi kbira, però rrid ngħid ukoll li kellna esperjenza f'din, li s-sena l-oħra ppruvajna ninfurzawha sewwa u ltqajna ma' diffikultajiet fosthom li min iħaddem beda jġibilna każijiet ta' persuni b'diżabilità li qegħdin jaħdmu li però ma jridux jirreġistraw bħala persuni b'diżabilità; allura f'dak il-każ, l-employer qed jiksirha jew le, meta għandu persuni li jidhru li għandhom diżabilità, però dik il-persuna, bi dritt, ma tridx tirreġistra bħala persuna b'diżabilità, allura l-employer qed jonqos? Mhux sew li nagħtu l-impressjoni li l-ETC qed tonqos; hemm diffikultajiet, ħa narawhom dawn id-diffikultajiet, u naraw kif negħlbuhom, però jrid ikun miż-żewġ naħat illi nirranġaw l-affarijiet. Però jiena nwegħedkom li l-ETC ħa tibqa' tagħmel ix-xogħol tagħha. Grazzi.

**Alfred Bezzina** (Direttur Eżekuttiv, KNPD): Naħseb li żewġ punti li rrid ngħid, anki fir-rigward ta' dak li qal Felix Borg, aħna bħala Kummissjoni wkoll naqblu li t-taħriġ għandu jkun kemm fuq livell integrali u kemm on the job training. Però nifhem ukoll li hemm ċerti diżabiltajiet li jkunu jirrikjedu ċerti korsijiet speċifiċi, jiġifieri ħafna drabi huwa diffiċli li tiġġeneralizza minħabba d-diversità enormi li jista' jkun hemm; wieħed irid jipprova jsib toroq differenti. Però bħala punt naqblu illi t-

trust għandha tkun kif qal Felix. It-tieni punt jirrigwarda tat-2% li naħseb li hemm bżonn li npoġġu bilqiegħda l-istakeholders kollha u neżaminawha sew. Il-verità hi li minn studji li saru ma' l-Unjoni Ewropea kollha, kull fejn hemm dil-liġi tat-2%, magħrufa bħala tal-kwota, hemm diffikultajiet fuq livell pragmatiku biex timplimentaha. Ħafna drabi huwa diffiċli li timponi l-persuna b'diżabilità fuq post tax-xogħol li ma jridux. Jiġifieri din, fuq livell uman, hija diffiċli ħafna u allura nagħlaq bl-aħħar punt, li din id-Direttiva hija waħda importanti, hemm bżonn li nitkellmu fuqha, li kull persuna li qiegħda f'minoranza tkun taf kif għandha tużaha, però ma nilludux ruħna għax biex tipprova… hija diffiċli, jiġifieri meta tiġi biex timplimenta din id-Direttiva hemm diffikultajiet enormi. U allura naqbel mal-kelliema ta' qabli li l-liġi trid timxi paripassu ma' kampanja ta' għarfien. Grazzi.

Segretarju Permanenti,
Ministeru ta' l-Edukazzjoni,
Impjieg u Żgħażagħ

# Diskors tal-Għeluq mis-**Sur Charles Mizzi**

Il-Ministeru tagħna kien jaħdem sa l-aħħar ta' Marzu ma' direttorat ieħor li għadu jaħdem miegħu sa llum, li huwa d-Direttorat ta' l-Edukazzjoni u l-Kultura ta' l-Unjoni Ewropea.

Però matul dawn l-aħħar seba' xhur minbarra dak id-direttorat ġie għandna wkoll ix-xogħol li qiegħed ma' dan id-direttorat l-ieħor. U kemm ilna f'dan il-qasam, il-Ministeru tagħna f'dawn ix-xhur kellu żewġ avvenimenti partikolari; waħda minnhom kienet illi sa Ottubru ssawwar il-pjan nazzjonali għall-ħolqien ta' l-impjiegi li titlob l-Unjoni Ewropea taħt id-direttorat ta' l-employment mingħand kull membru ta' l-Unjoni Ewropea; imbagħad fil-5 ta' Novembru ħarġet il-legal notice illi fil-fatt ġabet id-Direttiva li qed nsemmu llum applikabbli f'Malta.

Jiena swieli ħafna li ġejt hawnhekk illum li smajt diversi interventi li jiena nkun se nwassal lura u jiena ċert li se jwassluhom aħjar minni l-organizzaturi ta' din il-Konferenza, u smajt lis-sur Mangion jitkellem issa u se nwassal x'kien qiegħed jgħid, però bil-mod li ġejt biex nitkellem bih, bil-legal notice li ħarġet fil-5 ta' Novembru, jiġifieri xahar ilu, b'dak li fiha diġà u li spjega hawnhekk Dr. Noel Vella, li naħseb kien qed jagħti informazzjoni tajba ħafna, oġġettiva, din id-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea li qed insemmi llum m'għadhiex id-Direttiva ta' l-U.E.; din hija waħda mill-affarijiet psikoloġiċi li rridu ndaħħlu, hija biċċa mil-liġi Maltija. Qed nitkellmu fuq biċċa mil-liġi tagħna u bil-mod il-mod il-messaġġ li qed nibdew noħorġu hija li rridu ħafna li meta ngħidu Direttiva ta' l-U.E. issa qed nitkellmu mhux fuq ta' xi ħadd ieħor imma proprju fuq Direttiva li hija tagħna. U anki aħna, allura, hija ħaġa upfront li l-Ministeru, l-amministrazzjoni, dawn trid twassalhom għaliex huma Direttivi li huma wkoll tagħna. U kemm-il darba qed nippruvaw naslu.

Waħda mill-affarijiet li qed nippruvaw nimbuttaw, hija li trid titlaq il-mentalita' ta' int u jien u ssir aħna, jew ħa nagħmilha mod ieħor, jekk inkunu aħna u intom, jew huma, għax irridu nkunu kollha flimkien. U anki din hija l-filosofija ta' din id-Direttiva li

trid titwettaq; din tista' titwettaq biss billi jiġi aċċennat dak li hawn fl-aħħar, kull min hu involut se jkun qiegħed jagħti l-kontribut flimkien ħalli wara li mmorru l hemm, proprju kif qal is-sur Mangion ftit ilu, li noqogħdu niddefendu t-territorju tagħna, naslu biex fl-aħħar mill-aħħar nieħdu l-passi kollha flimkien għax hekk huma l-affarijiet kif għandhom ikunu.

U ta' min insemmi li bl-istruttura ġdida tal-Ministeru kif inhu qiegħed kompost illum l-uffiċjali pubbliċi li tkellmu hawnhekk llum, huma fil-fatt parti mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Xogħol, u Żgħażagħ, kemm l-ETC hija parti minnu kif ukoll id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali, u din qed tagħtina ċertu vantaġġ li l-affarijiet nagħmluhom b'mod li nkunu kollha flimkien milli aħna u huma, intom u jien. Infatti, meta kien qiegħed jitkellem Mr Camilleri fil-bidu tal-konferenza, semma' kif l-edukazzjoni u l-impjieg huma ż-żewġ pilastri illi jagħtu d-dinjità lill-bniedem meta jkun qiegħed jiżviluppa lilu nnifsu u jgħix. F'dan il-pajjiż hawn xi ħaġa partikolari; qed inkunu qegħdin f'fora barra minn Malta u qed jgħidulna li l-Lisbon Strategy għandha ċans li tbatti u tbati għax kultant min ikun Ministru ta' l-Edukazzjoni f'ħafna pajjiżi u min ikun Ministru tax-Xogħol u l-Impjiegi donnhom ma jarawx għajn m'għajn għal kollox; u anki ħaġa li aħna semmejnieha, anki ġewwa l-Kummissjoni stess, li nixtiequ naraw aktar relazzjoni bejn id-direttorat ta' l-edukazzjoni u kultura u d-direttorat ta' l-impjiegi. Hawn Malta dan mhux possibbli għaliex qegħdin f'qafas wieħed.

U hawnhekk ta' min insemmi illi kien hawn kumment inċiżiv ħafna li sar minn Ms. Marianne Debono meta qalet "Ejja noqogħdu naqra attenti illi kultant fl-Ewropa qed isir tkabbir ekonomiku qabel il-ġustizzja soċjali." Però huwa tajjeb li kumment bħal dan narawh għax kumment bħal dan mhux jolqot l-Unjoni Ewropea bħala xi ħaġa minn barra imma jolqot lilna wkoll. U hawnhekk forsi rridu ngħidu li l-istrateġija ta' Liżbona għamlet lilha nnifisha din il-missjoni: waħda illi toħloq ekonomija illi hija l-aqwa fid-dinja, world reference, basta jkun hawn environmental sustainability, illi l-ambjent jibqa' sostnut, u illi jkun hawn is-social dimension, id-dimensjoni soċjali.

Tinnutaw, jekk intom kontu qegħdin taraw anki l-programm tal-Gvern meta beda jingħata fuq il-Budget, li dawn, li min jgħid li l-istrateġija ta' Liżbona huma t-tliet pilastri li qed jippruvaw jiżviluppaw l-istrateġija fuqha, l-ekonomija, ambjent sostnut, u dimensjoni soċjali, dawn it-tliet pilastri, meta beda jsir id-diskors, bdew jiġu ppreżentati kif li  huma tagħna. Hawn Malta semmejna tliet pilastri li waħda minnhom hija l-ekonomija imma bin-naħa l-oħra tal-munita li hija d-dimensjoni soċjali, l-ambjent, imbagħad l-oħra hija l-edukazzjoni.

Dan qed jingħad, għax veru minkejja dak kollu li qed joħroġ uffiċjalment min-naħa ta' l-Unjoni Ewropea, kont qiegħed nisma' programm fuq il-BBC u mill-kwartier tar-Renju Unit beda joħroġ xi ħaġa bħalma semmiet Ms Debono ftit ilu. Kont qed

nisma' lil min jargumenta minn naħa t'hemmhekk li biex iżżomm ekwilibriju bejn in-naħa ta' l-ekonomija, l-ambjent u l-ġustizzja soċjali nsibuha diffiċli. U kien hemm xi ħadd fuq in-naħa Ingliża li kien qiegħed jipprova jimbotta illi t-tkabbir ekonomiku għandu jissupera lill-pilastri l-oħra. U forsi smajna naqra eku tagħha hawnhekk fejn meta ssemmiet illi l-kwoti ġewwa l-Ingilterra hemm min qed jipproponi illi jitneħħew.

Aħna min-naħa ta' amministrazzjoni, nistgħu ngħidu li importanti li nkunu nafu x'inhuma l-iżvolti li jistgħu jieħdu l-affarijiet; l-Istat Malti huwa fatt illi l-istrateġija ta' Liżbona jridha tkun kif inhija ppreżentata, l-ekonomija ma tistax tiġi ddivorzjata minn ġustizzja soċjali, ma tistax tiġi ddivorzjata minn sostenn fl-ambjent.

Dik hija t-tip ta' direzzjoni li rridu nagħtu, però biex issa naslu ħalli dawn id-Direttivi li qegħdin ukoll bil-legal notice tagħna parti mil-liġi Maltija veru jiġu attwati, kien hemm messaġġ li ridt inwasslu kieku jien, imma twassal minn diversi persuni qabli: m'intix se tasal jekk inti tkun punittiv biss, u tagħmel sanzjonijiet biss, però jekk ikun hemm bżonn isiru wkoll. Bilfors, u hawnhekk se nerġa ngħid li għandna naddottaw l-istil li hemm fl-Unjoni Ewropea fejn dawn l-affarijiet jimxu 'l quddiem billi ġġib lin-nies kollha flimkien, iġġib lil min hu interessat u lill- istakeholders kollha flimkien, ħalli l-ewwel nett insibu pożizzjoni komuni u barra minn hekk inkunu nistgħu nwassluha għand ħaddieħor.

Huwa f'dak is-sens li naħseb din il-legal notice li ħarġet xahar ilu kien feliċi li qiegħda ssir din il-konferenza hawnhekk illum; illi intom, kemm il-Kummissjoni, kemm iċ-ċentru ġustizzja u Paċi, u intom li organizzajtu din, għaliex nerġgħu ngħiduha wkoll, kemm tiswa iżjed li jkun l-istakeholders stess li jġibu lin-nies jitkellmu milli nkunu aħna li nirrappreżentaw l-uffiċjali tagħna li nagħmlu l-organizzazzjoni tagħha aħna. Ix-xogħol tagħha għandna naraw li jsir, nagħtuh is-sapport tagħna, naraw x'nistgħu nwasslu u naddottaw minnu u b'hekk inkunu nistgħu nimxu 'l quddiem. Minn dak il-lat aħna ngħidu grazzi lil min organizza, grazzi lil kull min ipparteċipa, nwegħedkom illi dak li qed jingħad hawnhekk qed jitwassal u meta naf li anki l-Ministru Louis Galea għandu s-sentimenti tiegħu u l-orjentament tiegħu ta' kif jara l-affarijiet soċjali, jiena ċert ukoll li dawn mhux ħa jaqgħu fuq widnejn torox.

Nieqaf hemmhekk u nixtiqilkom il-Milied it-Tajjeb u sena mimlija riżq.

Grazzi.